



# IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

Rapport Speċjali Nru 19  
2013

RAPPORT 2012 DWAR IS-SEGWITU  
TAR-RAPPORTI SPEĊJALI TAL-QORTI  
EWROPEA TAL-AWDITURI

MT





Rapport Speċjali Nru 19 // 2013

# RAPPORT 2012 DWAR IS-SEGWITU TAR-RAPPORTI SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI  
12, rue Alcide De Gasperi  
1615 Luxembourg  
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1  
Fax +352 4398-46410  
E-mail: [eca-info@eca.europa.eu](mailto:eca-info@eca.europa.eu)  
Internet: <http://eca.europa.eu>

## Rapport Speċjali Nru 19 // 2013

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.  
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.  
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2014

ISBN 978-92-9241-622-5  
doi:10.2865/23303

© L-Unjoni Ewropea, 2014  
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

*Printed in Luxembourg*

# WERREJ

Paragrafu

## **ABBREVJAZZJONIJIET**

I-VII **SOMMARJU EŻEKUTTIV**

1-3 **INTRODUZZJONI**

4-8 **AMBITU U APPROĊĊ**

9-17 **L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI TA' 62 RAKKOMANDEZZJONI**

9-10 **INTRODUZZJONI**

11-12 **IL-KUMMISSJONI SSEGWU U TEMPLIMENTA L-MAĠĠORANZA KBIRA  
TAR-RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-QORTI B'MOD ADEGWAT**

13-17 **EŻEMPJI TA' TITJIB U TA' OQSMA LI JISTGĦU JIJIEBU FIL-ĠESTJONI FINANZJARJA**

18-28 **ANALIŻI TAL-PROĊEDURI TA' SEGWITU TAL-KUMMISSJONI**

21-23 **IL-KUMMISSJONI STABILIXXIET LINJI GWIDA U PROĊEDURI XIERQA RELATATI  
MAL-ATTIVITAJIET TA' SEGWITU TAGĦHA**

24-28 **RAD MA TIŻGURAX LI L-KUMMISSJONI JKOLLHA INFORMAZZJONI ADEGWATA  
U AFFIDABBLI TA' ĠESTJONI DWAR L-ISTATUS TAL-IMPLIMENTAZZJONI  
TAR-RAKKOMANDEZZJONIJIET LI JKUNU ĠEW IMPLIMENTATI PARZJALMENT BISS**

29-32 **KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET**

- ANNESS I** — **ĦARSA ĠENERALI LEJN IR-RAKKOMANDEZZJONIJIET ANALIZZATI MILL-QORTI**
- ANNESS II** — **AGRIKOLTURA: APPOĠĠ GĦALL-PROGRAMMI OPERAZZJONALI TAL-PRODUTTURI TAL-FROTT U TAL-ĦXEJJEX**
- ANNESS III** — **AGRIKOLTURA: GĦAJNUNA ALIMENTARI GĦAL PERSUNI FIL-BŻONN**
- ANNESS IV** — **AGRIKOLTURA: IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROĊĊ LEADER**
- ANNESS V** — **KOEŻJONI: FOND TA' SOLIDARJETÀ**
- ANNESS VI** — **KOEŻJONI: TAĦRIĠ VOKAZZJONALI GĦAN-NISA**
- ANNESS VII** — **AZZJONIJIET ESTERNI: RIABILITAZZJONI**
- ANNESS VIII** — **AZZJONIJIET ESTERNI: APPOĠĠ MILL-FEŻ**
- ANNESS IX** — **AZZJONIJIET ESTERNI: MIŻURI BANKARJI**
- ANNESS X** — **DĦUL: ĠESTJONI TAT-TEŻOR**
- ANNESS XI** — **RIĊERKA: PROGRAMMI QAFAS RŻT**

#### **RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI**

# ABBREVJAZZJONIJIET

**FEŻ:** Fond Ewropew għall-Iżvilupp

**FP:** Programm Qafas

**FSE:** Fond Soċjali Ewropew

**FSUE:** Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

**GAK:** Grupp għall-Appoġġ għall-Kwalità

**GAL:** Grupp ta' Azzjoni Lokali

**HQ:** Kwartieri Ġenerali

**IT:** Teknoloġija tal-Informatika

**MEDA:** "Mesures D'Accompagnement": Strument finanzjarju tas-sħubija Ewro-Mediterranja

**OP:** Organizzazzjoni tal-Produtturi

**PAB:** Persuni l-Aktar fil-Bżonn

**PO:** Programm Operazzjonali

**QEA:** Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

**RAD:** Rakkomandazzjonijiet, Azzjonijiet, Kwittanza

**RS:** Rapport Speċjali

**SMART:** Speċifiku, Li jista' Jitkejjel u Jinkiseb, Rilevanti u f'Waqtu

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

## I.

Dan ir-rapport jippreżenta r-riżultati tat-tieni analiżi mill-Qorti tas-segwitu tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Qorti f'rapporti speċjali preċedenti.

## II.

Il-mistoqsija kumplessiva ta' din l-analiżi kienet: Il-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar magħmula mill-Qorti fir-rapporti speċjali tagħha b'mod adegwat? Din ġiet ripartita f'żewġ sottomistoqsijiet: Il-Kummissjoni stabbilixxiet linji gwida u proċeduri xierqa għal attivitajiet ta' segwitu, u l-Kummissjoni għandha informazzjoni adegwata u affidabbli ta' ġestjoni dwar ir-rakkomandazzjoniet tal-awditjar u l-istat ta' implimentazzjoni tagħhom?

## III.

L-analiżi tal-Qorti inkludiet eżaminar tas-segwitu mill-Kummissjoni ta' kampjun ta' 62 rakkomandazzjoni minn 10 rapporti speċjali (RS) tal-Qorti mill-perjodu 2006-2010. Għal dan il-kampjun il-Qorti vvalutat l-istatus attwali tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u l-informazzjoni ta' ġestjoni tal-Kummissjoni stess dwar l-istatus ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Il-Qorti analizzat ukoll proċeduri rilevanti tad-direttorati ġenerali (DG) u wettqet analiżi ta' manwali, linji gwida, pjanijiet, u rapporti ppubblikati, b'fokus partikolari fuq dawk relatati mal-applikazzjoni RAD (Rakkomandazzjoni, Azzjoni, Kwittanza). RAD hija għodda tal-IT użata mill-Kummissjoni biex timmonitorja s-segwitu tagħha għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar mill-Qorti u t-talbiet li jsiru mill-awtorità ta' kwittanza fil-qafas tal-proċedura ta' kwittanza.

## IV.

Abbażi tal-analiżi tagħha l-Qorti tikkonkludi li l-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti b'mod adegwat. Għaldaqstant l-analiżi ta' kampjun ta' rakkomandazzjonijiet wriet li l-Kummissjoni implimentat 83 % tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, jew bis-sħiħ jew inkella fil-parti l-kbira tal-aspetti, u dan ikkontribwixxa lejn it-titjib tal-ġestjoni finanzjarja f'għadd ta' oqsma tal-baġit tal-UE.

## V.

Il-Qorti tikkonkludi wkoll li l-Kummissjoni għandha linji gwida u proċeduri xierqa stabbiliti fir-rigward tal-attivitajiet ta' segwitu tagħha.

## VI.

Finalment l-analiżi tal-Qorti turi li l-applikazzjoni tal-IT, RAD, fiha informazzjoni ta' ġestjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar maħruġa mill-Qorti fir-rapporti speċjali ppubblikati mill-2008 'l hawn. Madankollu, il-Qorti tikkonkludi li RAD ma tiżgurax li l-Kummissjoni jkollha informazzjoni adegwata u affidabbli ta' ġestjoni dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jkunu ġew implimentati parzjalment biss. Dan huwa dovut għan-natura assoluta tal-kategoriji użati mill-Kummissjoni biex tirreġistra l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

## VII.

Għalhekk il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni tirfina l-applikazzjoni RAD biex tirrifletti aħjar rakkomandazzjonijiet li jkunu ġew implimentati parzjalment biss.



# INTRODUZZJONI

- 1.** Skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar, is-segwitu ta' rapporti tal-awditjar huwa l-aħħar stadju fiċ-ċiklu tal-awditjar tal-prestazzjoni li jinkludi l-ippjanar, l-eżekuzzjoni u s-segwitu<sup>1</sup>. Is-segwitu għar-rapporti tal-awditjar tal-prestazzjoni tal-Qorti huwa element meħtieġ fiċ-ċiklu tal-obbligu ta' rendikont u jgħin biex titħeġġeġ l-implimentazzjoni effettiva mill-Kummissjoni tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti.
- 2.** Il-Qorti ħarġet l-ewwel rapport ta' segwitu tagħha fl-2012 (RS Nru 19/2012). F'dan ir-rapport il-Qorti osservat li s-segwitu mill-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tal-Qorti kien jeħtieġ tisħiħ.
- 3.** Ir-rapport attwali jippreżenta r-riżultati tat-tieni analiżi mill-Qorti tas-segwitu mill-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Qorti f'rapporti speċjali preċedenti.

<sup>1</sup> Standards Internazzjonali tal-Awditjar tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar, ISSAI 3000 u 3100.

# AMBITU U APPROĊĊ

4. L-analiżi attwali mill-Qorti tas-segwitu mill-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tibni fuq analiżi tas-sistemi mwettqa fl-2011 mill-Kapaċitajiet tal-Awditjar Intern (IACs) tal-Kummissjoni. L-analiżi tal-IACs ikkonkludiet li s-sistema ta' kontroll intern stabbilita fid-DĠ rispettivi kienet tipprovdi aċċertament raġonevoli dwar il-ksib tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Qorti. Madankollu, l-IACs identifikaw ukoll xi kwistjonijiet li kienu jeħtieġu li jiġu indirizzati u rakkomandaw titjib fil-funzjonalitajiet u fil-faċilitajiet ta' rappurtar ta' RAD.

5. Il-mistoqsija kumplessiva ta' din l-analiżi hija:

## **Il-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar magħmula mill-Qorti fir-rapporti speċjali tagħha b'mod adegwat?**

Din il-mistoqsija ġiet ripartita f'żewġ sottomistoqsijiet:

- o Il-Kummissjoni stabbilixxiet linji gwida u proċeduri xierqa għal attivitajiet ta' segwitu, u;
- o Il-Kummissjoni għandha informazzjoni adegwata u affidabbli ta' ġestjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u l-istat ta' implimentazzjoni tagħhom?

6. Sabiex tirrispondi dawn il-mistoqsijiet il-Qorti vvalutat matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2013 kampjun ta' 62 rakkomandazzjoni tal-awditjar minn 10 rapporti speċjali ppubblikati mill-Qorti fil-perjodu 2006-2010, biex tiddetermina jekk dawn ir-rakkomandazzjonijiet kinux ġew segwiti mill-Kummissjoni. Il-kampjun intgħażel minn rapporti li ġew ippubblikati mill-anqas sentejn ilu u li r-rakkomandazzjonijiet tagħhom kienu għadhom rilevanti. Il-kampjun intuża wkoll biex jiġu ttestjati l-adeqwatezza u l-affidabbiltà tal-informazzjoni ta' ġestjoni tal-Kummissjoni dwar dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Ir-rapporti speċjali inklużi huma ppreżentati fit-**Tabella 1**.

7. Waqt li tkun qed tivvaluta l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, il-Qorti tuża l-kategoriji li ġejjin: implimentata bis-sħiħ, issodisfata fil-parti l-kbira tal-aspetti, mhux implimentata, ma għadhiex rilevanti, jew ma setgħetx tiġi vverifikata. Il-Qorti qieset rakkomandazzjoni bħala implimentata bis-sħiħ jekk il-Kummissjoni kienet ħadet il-miżuri korrettivi raġonevoli u proporzjonati kollha fi ħdan il-kompetenza tagħha u jekk ma kien fadal ebda kwistjoni materjali x'tiġi indirizzata. L-istatus tal-implimentazzjoni ġiet ikkonfermata permezz ta' intervisti u dokumentazzjoni ta' appoġġ mid-DĠ rilevanti iżda ma ġietx inkluża informazzjoni fil-livell tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi benefiċjarji. Filwaqt li l-għan ta' din l-analiżi huwa li jiġi ddeterminat liema azzjonijiet ħadet il-Kummissjoni b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, ma ssir ebda valutazzjoni tal-effetti ta' dawn l-azzjonijiet billi din kieku teħtieġ awditi ta' segwitu separati u fil-fond fl-oqsma rilevanti.

8. Barra minn hekk il-Qorti eżaminat proċeduri rilevanti tad-DĠ<sup>2</sup> u wettqet analiżi ta' manwali, linji gwida, pjanijiet, u rapporti ppubblikati. L-analiżi ffukat b'mod speċjali fuq l-applikazzjoni tal-IT tal-Kummissjoni, RAD, li tintuża biex tiġi rreġistrata u mmonitorjata informazzjoni relatata ma' azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-Kummissjoni.

<sup>2</sup> Il-proċeduri analizzati kienu relatati mad-DĠ Baġit u mal-akbar ħames DĠ (id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali, id-DĠ Politika Reġjonali, id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, id-DĠ Żvilupp u Kooperazzjoni-EuropeAid, u id-DĠ Riċerka u Innovazzjoni) li l-Qorti indirizzat il-parti l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tagħha lejhom.

## RAPPORTI SPECĠALI SEGWITI F'DAN IR-RAPPORT

Rapport speċjali <sup>1</sup>	Qasam baġitarju	Għadd ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar analizzati <sup>2</sup>
<b>RS Nru 8/2006</b> Suċċess jżjed? L-effettività tas-sostenn tal-Unjoni Ewropea għall-programmi operattivi tal-produtturi tal-frott u tal-ħaxix	Agrikoltura	9
<b>RS Nru 6/2009</b> L-għajnuna alimentari tal-Unjoni Ewropea għal persuni fil-bżonn: evalwazzjoni tal-obiettivi, il-mezzi u l-metodi użati	Agrikoltura	8
<b>RS Nru 5/2010</b> L-implimentazzjoni tal-approċċ Leader għall-iżvilupp rurali	Agrikoltura	6
<b>RS Nru 3/2008</b> Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea: huwa rapidu, effiċjenti u flessibbli biżżejjed?	FSUE	2
<b>RS Nru 17/2009</b> Azzjonijiet tat-Taħriġ Vokazzjonali għan-Nisa kofinanzjati mill-FSE	Koeżjoni	3
<b>RS Nru 6/2008</b> L-Għajnuna ta' Riabilitazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea wara z-Tsunami u l-Uragan Mitch	Azzjonijiet esterni	6
<b>RS Nru 18/2009</b> L-effettività tal-appoġġ tal-FEI għall-Integrazzjoni Ekonomika Reġjonali fl-Afrika tal-Lvant u fl-Afrika tal-Punent	Azzjonijiet esterni	11
<b>RS Nru 1/2009</b> Il-miżuri bankarji fiż-żona tal-Mediterran fil-kuntest tal-programm MEDA u l-protokollu preċedenti	Azzjonijiet esterni	5
<b>RS Nru 5/2009</b> Il-Ġestjoni tat-Teżor tal-Kummissjoni	Dħul	7
<b>RS Nru 9/2007</b> L-evalwazzjoni tal-programmi qafas tal-UE dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku — L-aproċċ tal-Kummissjoni jista' jittejjeb?	Riċerka	5
<b>Għadd totali ta' rakkomandazzjonijiet</b>		<b>62</b>

<sup>1</sup> Ir-Rapporti Speċjali kollha tal-Qorti huma disponibbli fuq: <http://eca.europa.eu>

<sup>2</sup> Fejn meħtieġ, is-subpartijiet tar-rakkomandazzjonijiet ippubblikati huma nnumerati bħala rakkomandazzjonijiet separati f'dan ir-rapport, sabiex ikunu jistgħu jsiru analiżi u rappurtar xierqa dwar l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni (ara l-**Anness I**).

# L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI TA' 62 RAKKOMANDAZZJONI

## INTRODUZZJONI

9. Il-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tal-Qorti u t-talbiet li jsiru mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill (jiġifieri l-awtorità ta' kwittanza għall-baġit Ewropew). Skont l-Artikolu 166(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni ttejjg rapport annwali dwar it-talbiet ta' hawn fuq fi ħdan il-qafas tal-proċedura ta' kwittanza għall-baġit tal-UE.
10. Din it-taqsimha tippreżenta r-riżultati tal-analiżi mill-Qorti tal-implimentazzjoni mill-Kummissjoni ta' kampjun ta' 62 rakkomandazzjoni minn 10 rapporti speċjali maħruġa mill-Qorti fil-perjodu 2006-2010. L-ipproċessar ta' talbiet tal-Kunsill u tal-Parlament ma ġie ixvvalutat bħala parti minn dan l-eżerċizzju. L-**Anness I** jagħti ħarsa ġenerali lejn kull waħda mit-62 rakkomandazzjoni vvalutati mill-Qorti, filwaqt li l-**Annessi II sa XI** jagħtu sommarju qasir tal-awditi rilevanti, tar-rakkomandazzjonijiet, tal-azzjonijiet sussegwenti ta' segwitu meħuda mill-Kummissjoni, u ta' kwalunkwe kwistjoni li jkun għad fadal x'tiġi indirizzata.

## IL-KUMMISSJONI SSEGWI U TIMPLIMENTA L-MAĠĠORANZA KBIRA TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-QORTI B'MOD ADEGWAT

11. Mit-62 rakkomandazzjoni eżaminati mill-Qorti, l-azzjonijiet ta' segwitu relatati ma' 3 mir-rakkomandazzjonijiet magħżula ma setgħux jiġu vverifikati, billi l-evidenza meħtieġa kienet disponibbli biss fil-livell tal-pajjiżi beneficijarji, li kien barra mill-ambitu tal-analiżi (ara l-paragrafu 7). Il-Kummissjoni ma implimentatx tliet rakkomandazzjonijiet (li kollha kienu relatati mal-awditu tal-għajjnuna alimentari – l-**Anness III**). Żewġ rakkomandazzjonijiet oħra kienu ġew rifjutati inizjalment iżda ġew implimentati bis-sħiħ (rakkomandazzjoni relatata mal-għajjnuna alimentari – l-**Anness III**) jew implimentati fil-parti l-kbira tal-aspetti (rakkomandazzjoni relatata mal-ġestjoni tat-teżor – l-**Anness X**) sussegwentement.
12. Mid-59 rakkomandazzjoni li setgħu jiġu vvalutati, il-Qorti sabet li 49 rakkomandazzjoni (83 %) jew kienu ġew implimentati bis-sħiħ, jew inkella implimentati fil-parti l-kbira tal-aspetti, u 7 rakkomandazzjonijiet oħra (12 %) kienu ġew implimentati f'xi aspetti filwaqt li 3 (5 %) ma kinux ġew implimentati.

## EŻEMPJI TA' TITJIB U TA' OQSMA LI JISTGĦU JITJIEBU FIL-ĠESTJONI FINANZJARJA

- 13.** Is-simplifikazzjoni ta' programmi ta' għajjnuna u l-kjarifika ta' proċeduri ta' sovvenzjoni bħal kriterji ta' eliġibbiltà ġew innutati fil-programm ta' għajjnuna tal-UE għall-frott u l-ħxejjex (agrikoltura) u wkoll fir-rigward tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea. Fil-każ ta' dan tal-aħħar, it-titjib fil-kwalità tal-applikazzjonijiet wassal għal tnaqqis fl-għadd ta' applikazzjonijiet li għalihom il-Kummissjoni kellha titlob informazzjoni addizzjonali. Gwida mtejbja mill-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar proċeduri tal-għażla ta' proġetti u l-inklużjoni ta' indikaturi obbligatorji tal-prestazzjoni kienu evidenti wkoll fil-programmi għat-taħriġ vokazzjonali kkofinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew (koeżjoni). B'mod simili, ġew introdotti proċeduri aħjar għall-konsiderazzjoni tas-sostenibbiltà ta' proġetti fl-istadju ta' applikazzjoni wara l-awditu taz-Tsunami fl-Oċean Indjan (azzjonijiet esterni). Tali titjib jista' jwassal għal għajjnuna mmirata b'mod aħjar u għaldaqstant aktar effettiva u mwassla b'mod aktar effiċjenti.
- 14.** Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tar-riżultati tal-programmi u l-azzjonijiet tal-UE jeħtieġu informazzjoni affidabbli dwar il-prestazzjoni. Ġie nnutat titjib f'dan ir-rigward f'għadd ta' oqsma analizzati. L-ewwel nett, filwaqt li l-abbozz tar-Regolamenti tal-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għadu fundamentalment ibbażat fuq l-input, huwa fih dispożizzjonijiet għal approċċ aktar b'saħħtu li huwa orjentat lejn ir-riżultati, li jinkludi indikaturi għall-output u għar-riżultati mistennija (koeżjoni). It-tieni nett, fir-rigward tal-programm ta' għajjnuna tal-UE għall-frott u l-ħxejjex, il-ġbir tad-*data* minn Stati Membri tjejb bl-għajjnuna ta' linji gwida, mudelli, u softwer tal-IT ġodda mill-Kummissjoni (agrikoltura). Fl-aħħar nett, ġie nnutat ukoll titjib fir-rappurtar, fil-monitoraġġ u fil-komunikazzjoni minn dawk li kienu qed iwasslu l-programm ta' riabilitazzjoni wara z-Tsunami fl-Oċean Indjan (azzjonijiet esterni).
- 15.** Madankollu, hemm il-ħtieġa li jiġi żgurat l-immirar aħjar tal-iskemi ta' għajjnuna billi jiġu inklużi **objettivi SMART<sup>3</sup> u indikaturi aħjar tal-prestazzjoni** fi ħdan il-programmi (agrikoltura). Hemm il-ħtieġa wkoll li titjieb l-informazzjoni komparattiva tal-ispejjeż għal dawk responsabbli mill-implimentazzjoni u l-monitoraġġ (azzjonijiet esterni). Dan it-titjib kieku jiffaċilita obbligu akbar ta' rendikont mill-Istati Membri u mill-benefiċjarji għall-finanzjament mill-UE.
- 16.** Il-koordinazzjoni u l-bini ta' kapacià mtejbja fost il-partijiet interessati huma elementi importanti fl-iżgurar tal-effiċjenza u l-effettività tal-infiq tal-UE. Fir-rigward tal-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), ġew innutati sforzi akbar lejn l-integrazzjoni reġjonali Afrikana bl-appoġġ tal-Kummissjoni. Dawn inkludew koordinazzjoni mtejbja bejn il-korpi reġjonali u skambju ta' gwida bejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi sħab. Ġew introdotti wkoll arranġamenti għal koordinazzjoni akbar bejn il-Kummissjoni u partijiet interessati oħra li qed jipprovdu finanzjament, bħall-Bank Ewropew tal-Investment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (azzjonijiet esterni).
- 17.** Finalment, il-kapacià istituzzjonali akbar innutata fil-qasam tal-miżuri bankarji fiż-żona tal-Mediterran, permezz tal-istabbiliment ta' unitajiet ta' speċjalisti fil-Kummissjoni (EuropeAid), għandha tassisti fil-promozzjoni u fil-ġestjoni ta' strumenti finanzjarji innovattivi (azzjonijiet esterni).

<sup>3</sup> Speċifiku, Li jista' Jitkejjel u Jinkiseb, Rilevanti u Marbut mal-Fin.

# ANALIŻI TAL-PROĊEDURI TA' SEGWITU TAL-KUMMISSJONI

18. Id-DĠ Baġit tal-Kummissjoni jimmonitorja u jikkoordina l-proċess ta' segwitu. Għal dan il-għan, applikazzjoni tal-IT li jisimha RAD tintuża kollettivament mid-DĠ biex tiġi rreġistrata informazzjoni ta' ġestjoni relatata mar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u mat-talbiet ta' kwittanza. RAD fiha r-rispons uffiċjali tal-Kummissjoni għal dawn u l-istatus tal-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mid-DĠ individwali, li għandhom ir-responsabbiltà primarja għall-implimentazzjoni tagħhom.
19. L-applikazzjoni RAD, żviluppata fl-2003, ġiet imfassla bħala għodda tal-IT biex jiġu segwiti r-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti annwali mill-Qorti u t-talbiet magħmula mill-awtorità ta' kwittanza fil-qafas tal-proċedura ta' kwittanza. Sa mill-2008, l-użu ta' RAD ġie estiż biex jinkludi r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Qorti f'rapporti speċjali. RAD hija element importanti fis-sistema ta' segwitu tal-Kummissjoni, kemm bħala għodda għall-informazzjoni ta' ġestjoni, li tippermetti lid-DĠ Baġit u lid-DĠ individwali jimmonitorjaw l-azzjonijiet meħuda bħala segwitu għar-rakkomandazzjonijiet u t-talbiet, u bħala sors ewlieni ta' informazzjoni fi tnejn tar-rapport annwali għall-awtorità ta' kwittanza<sup>4</sup>.
20. Id-DĠ Informatika huwa l-fornitur tas-sistema RAD, filwaqt li d-DĠ Baġit huwa l-proprjetarju tas-sistema u l-validatur finali tal-informazzjoni rreġistrata fl-applikazzjoni.

<sup>4</sup> "RAD: Fajl - Discharge Follow-up Scope (Kwittanza Segwitu Ambitu)" jelenka l-oġġetti ta' RAD bħala: li tinholq applikazzjoni għall-input tar-rakkomandazzjonijiet u għall-foġkien u s-segwitu ta' pjanijiet ta' azzjoni, u li jiġu ssodisfati ir-rekwiżit ta' segwitu għar-rappurtar lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri, mhux biss b'mod annwali iżda sakemm ir-rakkomandazzjonijiet jingħalqu, jiġu kkompletati jew jiġu kkanċellati.

## IL-KUMMISSJONI STABILIXXIET LINJI GWIDA U PROĊEDURI XIERQA RELATATI MAL-ATTIVITAJIET TA' SEGWITU TAGĦHA

21. Il-Qorti analizzat il-linji gwida u l-proċeduri tal-Kummissjoni relatati ma' attivitajiet ta' segwitu. Il-Qorti nnutat li wara l-osservazzjonijiet tal-IACs u dawk tal-ewwel rapport ta' segwitu mill-Qorti<sup>5</sup>, il-Kummissjoni ħadet passi sinifikanti biex issaħħa il-linji gwida u l-proċeduri tagħha relatati ma' attivitajiet ta' segwitu. Dan jinkludi dokumentazzjoni mtejbja ta' proċeduri stabbiliti u l-adozzjoni ta' linji gwida ġodda għall-ippjanar, l-eżekuzzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar dwar attivitajiet ta' segwitu; il-prijoritizzazzjoni tas-segwitu għal rakkomandazzjonijiet/talbiet "importanti ħafna" u "kritiċi", u r-rekwiżit li d-DĠ jirrappurtaw mill-anqas b'mod annwali fuq il-progress miksub fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u tat-talbiet.
22. Bħala parti minn pjan ta' azzjoni stabbilit mid-DĠ Baġit, "azzjonijiet RAD 2013", il-manwal tal-utenti għal RAD ġie aġġornat. Barra minn hekk, inbdew azzjonijiet bħal korsijiet ta' taħriġ, rapporti dwar il-puntwalità, funzjonijiet ta' tiftix imtejbja u l-korrezzjoni ta' "bugs" fl-applikazzjoni RAD.
23. L-analiżi mill-Qorti wriet li proċeduri fi ħdan l-applikazzjoni RAD u rabtiet mal-unitajiet responsabbli fid-DĠ huma stabbiliti u dokumentati b'mod adegwat. Dan jiżgura rendikont tal-entrati tar-rakkomandazzjonijiet kollha mdaħħla fl-applikazzjoni, inkluż l-aġġornament tal-istatus tal-implimentazzjoni tagħhom. L-analiżi wriet ukoll li d-DĠ Baġit stabbilixxa proċeduri li jiżguraw segregazzjoni ċara tad-dmirijiet sabiex tiġi ssalvagwardjata l-integrità tad-*data* rreġistrata f'RAD.

<sup>5</sup> Ir-Rapport Speċjali Nru 19/2012 (<http://eca.europa.eu>).

**RAD MA TIŻGURAX LI  
L-KUMMISSJONI JKOLLHA  
INFORMAZZJONI ADEGWATA  
U AFFIDABBLI TA' ĠESTJONI DWAR  
L-ISTATUS TAL-IMPLIMENTAZZJONI  
TAR-RAKKOMANDEZZJONIJET  
LI JKUNU ĠEW IMPLIMENTATI  
PARZJALMENT BISS**

- 24.** Il-Qorti analizzat l-adegwatezza u l-affidabbiltà tal-informazzjoni disponibbli f'RAD relatata mat-62 rakkomandazzjoni analizzati.
- 25.** Għal kull rakkomandazzjoni tal-awditjar u għal kull talba, RAD taħżen *data* ewlenija li tinkludi l-*prijorità* tar-rakkomandazzjoni/tat-talba (kritika, importanti ħafna, importanti, mixtieqa), l-*istatus* tal-implimentazzjoni tagħha (rifjutata, aċċettata, ikkanċellata, u lesta), id-*data tal-ikkompletar* tagħha (data mistennija u dik reali), u *r-rispons* sħiħ u uffiċjali tal-Kummissjoni. Skont ir-regoli tal-Kummissjoni, ir-rispons tagħha għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti għandu jissodisfa ċerti kriterji speċifiċi, u b'mod partikolari, ir-rispons għandu jiddikjara b'mod ċar liema miżuri prattiċi tkun biĥsiebha tuża l-Kummissjoni biex tikkoreġi d-dgħufijiet identifikati<sup>6</sup>.
- 26.** Mit-62 rakkomandazzjoni inklużi fil-kampjun tal-Qorti, 46 rakkomandazzjoni ddaħħlu f'RAD. Is-16-il rakkomandazzjoni li ma kinux irreġistrati f'RAD kienu kollha relatati ma' rapporti speċjali maħruġa qabel l-2008 (ara l-paragrafu 20). Ir-rispons uffiċjali tal-Kummissjoni kien ġie rreġistrat kif suppost għas-46 rakkomandazzjoni kollha inklużi f'RAD. Ġew irreġistrati 38 mis-46 rakkomandazzjoni bħala "lesta" mill-Kummissjoni. Madankollu, l-analiżi mill-Qorti tad-dokumentazzjoni ta' appoġġ fid-DĠ turi li 20 biss minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jitqiesu bħala implimentati bis-sħiħ.
- 27.** Din id-diskrepanza ta' bejn ir-reġistrazzjoni tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni tal-Qorti, innutata b'relazzjoni ma' 18-il rakkomandazzjoni, tikkonċerna każijiet fejn il-Kummissjoni wettqet implimentazzjoni parzjali biss. Billi l-kategoriji użati f'RAD ma jiffaċilitawx ir-reġistrazzjoni ta' implimentazzjoni parzjali, tali rakkomandazzjonijiet huma rreġistrati bħala li "sar".
- 28.** Il-Qorti tinnota li n-natura assoluta tal-kategoriji applikati mill-Kummissjoni biex tirreġistra l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet għandha impatt negattiv fuq l-adegwatezza u l-affidabbiltà tal-informazzjoni pprovduta dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar li jkunu ġew implimentati parzjalment biss.

<sup>6</sup> [http://intracomm.ec.testa.eu/budg/rep/external/proced\\_en.html](http://intracomm.ec.testa.eu/budg/rep/external/proced_en.html)

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

29. Fuq il-bażi tal-analiżi tagħha tas-segwitu mill-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapporti speċjali, il-Qorti tikkonkludi li l-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti b'mod adegwat.
30. Għaldaqstant, l-analiżi mill-Qorti tas-segwitu mill-Kummissjoni għal 62 rakkomandazzjoni mir-rapporti speċjali tal-Qorti turi li l-Kummissjoni implimentat 49 (83 %) tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, jew bis-sħiħ jew inkella fil-parti l-kbira tal-aspetti, u li dan ikkontribwixxa lejn it-titjib tal-ġestjoni finanzjarja f'għadd ta' oqsma tal-baġit tal-UE (ara l-paragrafi 9 sa 17). (Ara l-**Annessi II sa XI**).
31. L-analiżi mill-Qorti tal-linji gwida u tal-proċeduri relatati mal-attivitajiet ta' segwitu tal-Kummissjoni wriet li b'mod ġenerali kienu ġew stabbiliti linji gwida u proċeduri xierqa (ara l-paragrafi 21 sa 23).
32. L-analiżi mill-Qorti turi li l-applikazzjoni tal-IT, RAD, fiha informazzjoni ta' ġestjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar maħruġa mill-Qorti fir-rapporti speċjali ppubblikati mill-2008 'l hawn. Madankollu, il-Qorti tikkonkludi li RAD ma tiżgurax li l-Kummissjoni jkollha informazzjoni adegwata u affidabbli ta' ġestjoni dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jkunu ġew implimentati parzjalment biss. Dan huwa dovut għan-natura assoluta tal-kategoriji użati mill-Kummissjoni biex tirreġistra l-istatus tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet (ara l-paragrafi 24 sa 28).

### RAKKOMANDAZZJONI

Il-Kummissjoni għandha tirfina l-applikazzjoni RAD biex tirrifletti aħjar rakkomandazzjonijiet li jkunu ġew implimentati parzjalment biss.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla CEAD, immexxija mis-Sur Igors LUDBORŽS, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-17 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA  
*President*



# ANNES I



## ĦARSA ĠENERALI LEJN IR-RAKKOMANDEZZJONIJIET ANALIZZATI MILL-QORTI

Rapport Speċjali	Rakkomandazzjoni	Paragrafu	Implimentata Bis-Shih	Implimentata		Mhux Implimentata	Ma għadhiex rilevanti	Ma setgħetx tiġi vverifikata
				fil-parti l-kbira tal-aspetti	f'xi aspetti			
<b>RS Nru 8/2006</b> Suċċess jiżjed? L-effettività tas-sostenn tal-Unjoni Ewropea għall-programmi operattivi tal-produtturi tal-frott u tal-ħaxix (Anness II)	1	94	x					
	2	95 (i)		x				
	3	95 (ii)	x					
	4	95 (iii)	x					
	5	96	x					
	6	97	x					
	7	98	x					
	8	99	x					
	9	100	x					
<b>RS Nru 6/2009</b> L-ghajjnuna alimentari tal-Unjoni Ewropea għal persuni fil-bżonn: evalwazzjoni tal-obiettivi, il-mezzi u l-metodi użati (Anness III)	1	1	x					
	2	2		x				
	3	3				x		
	4	4	x					
	5	5				x		
	6	6				x		
	7A	7				x		
7B	7					x		
<b>RS Nru 5/2010</b> L-implimentazzjoni tal-approċċ Leader għall-iżvilupp rurali (Anness IV)	1	1				x		
	2	2		x				
	3	3		x				
	4	4				x		
	5	5						x
	6	6				x		
<b>RS Nru 3/2008</b> Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea: huwa rapidu, effiċjenti u flessibbli biżżejjed? (Anness V)	1	46	x					
	2	47	x					
<b>RS Nru 17/2009</b> Azzjonijiet tat-Taħriġ Vokazzjonali għan-Nisa kofinanzjati mill-FSE (Anness VI)	1	50 (a)				x		
	2	50 (b)		x				
	3	53				x		
<b>RS Nru 6/2008</b> L-Għajjnuna ta' Rijabilitazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea wara z-Tsunami u l-Uragan Mitch (Anness VII)	1	1	x					
	2	2	x					
	3	3		x				
	4	4		x				
	5	5	x					
	6	6	x					



## ĦArsa ĠENERALI LEJN IR-RAKKOMANDAZZJONIJIET ANALIZZATI MILL-QORTI

Rapport Speċjali	Rakkomandazzjoni	Paragrafu	Implimentata Bis-Sħiħ	Implimentata		Mhux Implimentata	Ma għadhiex rilevanti	Ma setgħetx tiġi vverifikata
				fil-parti l-kbira tal-aspetti	f'xi aspetti			
<b>RS Nru 18/2009</b> L-effettività tal-appoġġ tal-FEI għall-Integrazzjoni Ekonomika Reġjonali fl-Afrika tal-Lvant u fl-Afrika tal-Punent (Anness VIII)	1	1		x				
	2	2		x				
	3	3	x					
	4	4.1	x					
	5	4.2	x					
	6	4.3						x
	7	4.4	x					
	8	5.1	x					
	9	5.2			x			
	10	6.1			x			
	11	6.2						
<b>RS Nru 1/2009</b> Il-miżuri bankarji fiż-żona tal-Mediterran fil-kuntest tal-programm MEDA u l-protokollu preċedenti (Anness IX)	1	45 (a)	x					
	2	45 (b)	x					
	3	45 (c)	x					
	4	46	x					
	5	49	x					
<b>RS Nru 5/2009</b> Il-Ġestjoni tat-Teżor tal-Kummissjoni (Anness X)	1	43, 1.1		x				
	2	43, 1.2	x					
	3	47, 2.1	x					
	4	47, 2.2	x					
	5	47, 2.3			x			
	6	47, 2.4	x					
	7	19	x					
<b>RS Nru 9/2007</b> L-evalwazzjoni tal-programmi qafas tal-UE dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku — L-approċċ tal-Kummissjoni jista' jittnejjeb? (Anness XI)	1	V (i)	x					
	2	V (ii)		x				
	3	V (iii)	x					
	4	V (iv)	x					
	5	V (v)	x					
<b>TOTAL</b>	<b>62</b>		<b>35</b>	<b>14</b>	<b>7</b>	<b>3</b>	<b>0</b>	<b>3</b>

## ANNES II



### AGRIKOLTURA: APPOĠĠ GĦALL-PROGRAMMI OPERAZZJONALI TAL-PRODUTTURI TAL-FROTT U TAL-ĦXEJJEK

**1. Ir-Rapport Speċjali Nru 8/2006 kien jikkonċerna l-effettività tal-appoġġ tal-UE għall-programmi operazzjonali tal-produtturi tal-frott u tal-ħxejjek.**

**2.** Mill-1996 'il hawn, l-UE offriet għajnuna għal 50 % tal-ispejjeż ta' miżuri meħuda minn produtturi tal-frott u l-ħxejjek li mmiraw, fost l-oħrajn, li jtejbu l-kwalità tal-prodotti, inaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni u jtejbu l-prattiki ambjentali. L-għajnuna hija disponibbli biss għal gruppi ta' produtturi li kollettivament jikkommerċjalizzaw il-prodotti tagħhom f'Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (OP). L-Istati Membri huma responsabbli sabiex japprovaw il-Programmi Operazzjonali (PO) ta' miżuri proposti mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, u sabiex iħallsu l-għajnuna. FI-2004, l-għajnuna ammontat għal EUR 500 miljun.

(Sors: Nota ta' Informazzjoni ECA/06/21)

**3.** Il-Qorti awditjat l-effettività ta' din l-iskema ta' għajnuna fuq il-bażi primarja ta' kampjun aleatorju ta' 104 miżuri minn 30 programm operazzjonali kkompletati fi 8 Stati Membri, fuq valutazzjoni tal-proċeduri tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni u fuq analiżi tad-*data* tal-Kummissjoni.

#### Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

**4.** Il-Qorti rakkomandat li l-Kummissjoni għandha tagħmel l-iskema ta' għajnuna għall-programmi operazzjonali aktar sempliċi u effettiva billi:

- (1) tressaq proposti ġodda fuq il-bażi tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet;
- (2) tikkjarifika l-kriterji għall-infiq eliġibbli u tneħħi r-rekwiżiti tal-ipprogrammar;
- (3) tirrevedi l-oġġettivi ffissati għall-programmi operazzjonali u l-listi ta' eliġibbiltà; u

- (4) tallinja l-proċeduri u r-regoli tal-iskema u r-regoli għall-eliġibbiltà tal-infiq ma' dawk tal-miżuri ta' investiment tal-Iżvilupp Rurali;
- (5) ittejjeb il-ġbir tad-*data* tagħha dwar il-programmi operazzjonali u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, u tiffoka fuq ftit indikaturi prinċipali;
- (6) tikseb fehim aħjar tar-raġunijiet għan-nuqqas ta' progress fil-konċentrazzjoni tal-provvista fl-organizzazzjonijiet tal-produtturi;
- (7) timmira aħjar il-politika biex jintlaħqu l-oġġettivi kumplessivi tal-konċentrazzjoni u l-adattazzjoni;
- (8) tistabbilixxi jekk il-benefiċċji tal-konċentrazzjoni tal-provvista miksuba mill-politika humiex suffiċjenti biex jikkompensaw għall-inugwaljanza kkawżata bil-limitazzjoni tal-għajnuna għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi; u
- (9) tqis mill-ġdid il-mekkaniżmu għall-appoġġ ta' min ikabbar il-frott u l-ħxejjek fl-UE.

#### L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

**5.** Mid-disa' rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, tmienja ġew implimentati bis-sħiħ (Nri 1, 3, 4, 5, 6, 7, 8 u 9) u waħda (Nru 2) ġiet issodisfata f'xi aspetti.

## Il-punti prinċipali mis-segwitu tal-Qorti

### IL-BIDLA TAL-ISKEMA TA' GĦAJNUNA GĦAL WAĦDA AKTAR SEMPLIĊI U EFFETTIVA

#### 6.

It-titjib prinċipali kien jinkludi s-simplifikazzjoni tal-iskema ta' għajnuna permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

- (1) bosta regolamenti ta' implimentazzjoni ġew issostitwiti minn wieħed uniku,
- (2) tneħħiet l-għajnuna għall-ipproċessar,
- (3) l-appoġġ kollu huwa mmirat lejn organizzazzjonijiet tal-produtturi ta' prodotti friski jew ta' prodotti friski intenzjonati għall-ipproċessar,
- (4) l-inklużjoni tal-oqsma tas-settur tal-frott u l-ħxejjex fl-iskema ta' Pagament Uniku, u
- (5) skema ta' għajnuna aktar effettiva għall-programmi operazzjonali, permezz ta' konċentrazzjoni ogħla ta' provvista mill-OP.

#### 7.

Fl-approvazzjoni ta' PO, issa ssir referenza għall-istrateġija nazzjonali u għall-miżuri biex jiġi indirizzat il-kumpens żejjed. Il-Kummissjoni kkjarifikat ukoll il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-infiq taħt programmi operazzjonali.

#### 8.

Madankollu, għalkemm ir-rata medja tal-parteċipazzjoni f'organizzazzjonijiet tal-produtturi tkabbir kostanti, b'rata ta' 43 % fl-2010 (UE-27), hija xorta waħda għadha taħt l-objettiv ta' 60 % stabilita mill-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq fir-riforma tal-2007.

### PROGRAMMAZZJONI, MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI MTEJBIN

#### 9.

Il-Kummissjoni introduċiet strumenti ġodda biex tagħmel l-għajnuna aktar attraenti:

- (1) gruppi ta' produtturi kellhom suċċess fl-Istati Membri l-ġodda tal-UE, b'mod partikolari fil-Polonja.
- (2) il-miżuri ġodda għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet (ħsad bikri u ebda ħsad) taw prova ta' effiċjenza matul il-kriżi tal-E. coli fl-2011.
- (3) l-assigurazzjoni tal-ħsad qed tikber bħala għodda ta' valur biex jiġi evitat it-telf fl-introjt.
- (4) ir-rata ta' organizzazzjoni (jiġifieri perċentwal tal-provvista ttrattata mill-OP) fl-UE żdiedet b'10 % mill-2007 'l hawn.

#### 10.

Il-Kummissjoni żammet il-konsistenza fil-programmi operazzjonali tal-Iżvilupp Rurali billi żgurat li l-Istati Membri jallokaw ir-riżorsi b'mod effettiv fost is-setturi u l-prijoritajiet.

#### 11.

Il-Kummissjoni żviluppat ukoll linji gwida, mudelli u softwer tal-IT biex tinġabar *data* għall-monitoraġġ tal-effettività tal-iskema ta' għajnuna u użat ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet 2008 u studji sussegwenti biex tistabbilixxi li l-appoġġ għall-OP jiġġenera qligħ reali f'termini ta' tisħiħ tas-setgħa ta' negozjar tal-bdiewa. Madankollu, għad hemm lok għal titjib biex is-sħubija f'organizzazzjonijiet tal-produtturi ssir aktar attraenti.

## ANNEX III



### AGRIKOLTURA: GĦAJNUNA ALIMENTARI GĦAL PERSUNI FIL-BŻONN

#### 1. Ir-Rapport Speċjali Nru 6/2009 kien jikkonċerna l-għajnuna alimentari għal persuni fil-bżonn.

#### 2.

Wara xitwa eċċezzjonalment kiesħa fl-1986/1987, il-Komunità adottat programm biex jiġu rilaxxati prodotti agrikoli, li kienu disponibbli fil-ħażniet ta' intervent Komunitarji, lil organizzazzjonijiet tal-karità biex iqassmuhom b'xejn lil persuni fil-bżonn. Il-miżura ntlaggħet bil-ħerqa u għadha tapplika sal-lum. Il-programm għandu żewġ objettivi prinċipali: wieħed soċjali (li jagħmel kontribut sinifikanti għall-benessri tal-aktar ċittadini fil-bżonn) u wieħed kummerċjali (l-istabbilizzazzjoni tas-swieq tal-prodotti agrikoli permezz tat-tnaqqis fil-ħażniet ta' intervent). Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-programm hija volontarja. Il-baġit żdied minn EUR 307 miljun fl-2008 għal EUR 500 miljun fl-2009 għat-18-il Stat Membru li qed jipparteċipaw.

(Sors: Nota ta' Informazzjoni ECA/09/51)

#### 3.

Fil-kuntest ta' suq u sitwazzjoni soċjali li kienu qed jevolvu, il-Qorti awditjat il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-programm bejn l-2005-2008 u l-implimentazzjoni tiegħu f'erba' Stati Membri (Spanja, Franza, l-Italja, u l-Polonja) li użaw l-aktar parti sinifikanti tar-riżorsi finanzjarji tal-UE.

#### Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

#### 4.

Il-Qorti rrakkomandat li l-Kummissjoni għandha:

- (1) tqis jekk huwiex xieraq li tkompli tiffinanzja tali miżura mill-Politika Agrikola Komuni;
- (2) tkegġeg lill-Istati Membri biex idaħħlu l-programm fil-qafas tal-politika soċjali u jtejbu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni ma' atturi prinċipali oħra għal azzjonijiet soċjali;
- (3) tiddefinixxi prijoritajiet biex tagħżel ir-riċevituri u l-in-termedjarji tal-għajnuna;
- (4) tqis mill-ġdid ir-restrizzjoni regolatorja tal-ikel biex jitqassam;
- (5) tikkunsidra l-introduzzjoni ta' livell ta' standardizzazzjoni;
- (6) tkegġeg lill-Istati Membri biex jiżviluppaw objettivi speċifiċi, li jistgħu jitkejlu u jintlaħqu, rilevanti u f'waqthom (SMART) għall-implimentazzjoni tal-programm; u
- (7) tiftaħ il-kompetizzjoni aktar u tiżgura li jinkisbu l-aqwa prezzijiet fis-suq billi:
  - (a) tiddefinixxi aħjar il-bażi legali kif ukoll ir-regoli ta' implimentazzjoni għall-akkwist ta' prodotti tal-ikel għal persuni fil-bżonn. Barra minn hekk,
  - (b) ma għandhomx jitkomplew l-arranġamenti għat-tpartit.

#### L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

#### 5.

Il-Kummissjoni implimentat żewġ rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ (Nri 1 u 4), waħda fil-parti l-kbira tal-aspetti (Nru 2), tnejn f'xi aspetti (Nri 6 u 7(a)), u tlieta ma ġewx implimentati (Nri 3, 5, 7(b)).

## Il-punti prinċipali mis-segwitu tal-Qorti

### FINANZJAMENT FUTUR MILL-KOEŻJONI JISSOSTITWIXXI L-PAK (POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI)

#### 6.

Ir-Regolament (UE) Nru 121/2012<sup>7</sup> emenda l-iskema preżenti ta' distribuzzjoni tal-ikel billi ppreveda perjodu ta' eliminazzjoni gradwali. Il-perjodu ta' eliminazzjoni gradwali jintemm mal-ikkompletar tal-pjan annwali 2013, wara liema tiskadi l-iskema preżenti.

#### 7.

Il-Regolament propost (COM(2012) 617 final tal-24 ta' Ottubru 2012) jistabbilixxi l-Fond għal Għajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) għall-perjodu 2014-2020 li jikkomplementa l-istrumenti ta' koeżjoni eżistenti u notevolment il-Fond Soċjali Ewropew.

### SINERĠIJA MIŻJUDA

#### 8.

Fi ħdan l-iskema preżenti d-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali ppreżenta "Roadmap for adopting the amendment of the 2012 Food distribution plan for the Most Deprived Persons (MDP)" (Pjan direzzjonali għall-adozzjoni tal-emenda tal-Pjan ta' distribuzzjoni tal-ikel 2012 għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (PAB)) u f'Marzu 2012 il-Kummissjoni ħarġet aktar linji gwida lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni.

#### 9.

Fi ħdan il-proposta l-ġdida COM(2012) 617: ikun hemm obbligu għall-organizzazzjonijiet tal-karità li jwasslu l-ikel jew oġġetti oħra lill-PAB biex iwettqu wkoll attivitajiet immirati lejn ir-riintegrazzjoni soċjali tan-nies assistiti. Din il-proposta qed tistenna li tiġi adottata mill-korpi leġiżlattivi tal-UE.

### KEJL TAL-IMPATT TAL-MIŻURA

#### 10.

Madankollu, il-Kummissjoni ma wettqitx aktar miżuri biex tiżgura li l-iskema tiġi mmirata aħjar (ir-rakkomandazzjoni Nru 3) u li jitjieb l-obbligu ta' rendikont għall-għajjnuna alimentari riċevuta fuq il-bażi li l-Istati Membri jkunu f'pożizzjoni aħjar li jagħmlu dan. Hija rrifjutat ukoll ir-rakkomandazzjoni (Nru 5) li jiġi introdott grad ta' standardizzazzjoni tal-programmi billi dan kieku jnaqqas il-flessibilità fil-programmazzjoni. Għadhom iridu jiġu żviluppatti objettivi SMART b'indikaturi tal-prestazzjoni u linji gwida vinkolanti dwar l-implimentazzjoni għall-Istati Membri. Barra minn hekk, għadha trid issir analiżi tas-sistema ta' rappurtar għall-iskema, biex titjieb l-informazzjoni ta' ġestjoni disponibbli għall-Kummissjoni b'riżultat tal-bidliet fir-regoli ta' implimentazzjoni.

#### 11.

Wara azzjoni korrettiva limitata meħuda mill-Kummissjoni, għad fadal id-dgħufijiet li ġejjin:

- (1) billi mhux dejjem issir traspożizzjoni tajba tad-direttiva dwar l-akkwist fl-Istati Membri, il-proċeduri ma jiggarrantixx u l-aċċess ugwali lill-operaturi kollha tal-UE, u lanqas ma jiżguraw il-kisba tal-aħjar kundizzjonijiet u prezzijiet, u
- (2) billi l-Kummissjoni ma indirizzatx ir-rakkomandazzjoni (Nru 7(b)) li l-arranġamenti għat-tpartit ma jtkomplewx bl-użu tal-ħażniet ta' intervent, jippersisti r-riskju li dawn l-arranġamenti ma jkunux dejjem kosteffettivi.

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 121/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2012 li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni (ĠU L 44, 16.2.2012, p. 1).

## ANNEX IV



### AGRIKOLTURA: IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROĊĊ LEADER

#### 1. Ir-Rapport Speċjali Nru 5/2010 kien jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-approċċ Leader għall-iżvilupp rurali.

2. Leader huwa approċċ għall-implimentazzjoni tal-politika tal-iżvilupp rurali tal-UE permezz ta' sħubijiet lokali (Gruppi ta' Azzjoni Lokali, normalment magħrufa bħala LAGs). Is-suppożizzjoni ta' wara l-approċċ Leader hija li hemm valur miżjud meta mqabbel ma' implimentazzjoni tradizzjonali minn fuq għal isfel. Approċċi minn isfel għal fuq u interazzjoni bejn is-setturi differenti fil-livell lokali għandhom jimobilizzaw il-potenzjal lokali.

3. Il-LAGs iġorru r-responsabbiltà prinċipali għall-kisba tal-valur miżjud tal-Leader u tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jaqsmu r-responsabbiltà għas-superviżjoni tal-prestazzjoni tal-LAGs u biex jiżguraw li dawn isegwu l-approċċ Leader u jkunu b'mod konsistenti l-oġġetti standards tal-ġestjoni finanzjarja tajba.

(Sors: Nota ta' Informazzjoni ECA/10/27)

4. Il-Qorti vvalutat jekk l-approċċ Leader ġiex implimentat b'modi li jżidu l-valur, filwaqt li jimminimizzaw ir-riskji għal ġestjoni finanzjarja soda.

#### Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

5. Il-Qorti rrakkomandat li l-Kummissjoni għandha:

- (1) tiżgura li l-leġiżlazzjoni tipprovdi biżżejjed ċarezza dwar l-istandards meħtieġa fil-qafas speċifiku tal-Leader għall-eliġibbiltà tal-ispejjeż, is-sens ta' ġustizzja fid-deċiżjonijiet dwar l-infiq u l-kompożizzjoni tal-kumitat tal-LAGs għat-teħid tad-deċiżjonijiet;
- (2) tiżgura flimkien mal-Istati Membri, li jkun hemm salvagwardji effettivi fis-seħħ biex jiġu evitati kunflitti ta' interess, u tiċċekkja li dawn joperaw b'mod korrett;

- (3) tanalizza flimkien mal-Istati Membri r-restrizzjonijiet fuq azzjonijiet lokali bl-għan li jiġu permessi strateġiji lokali aktar innovattivi u plurisettorjali;
- (4) tiżgura li l-Istati Membri jirrikjedu li l-LAGs jistabbilixxu objettivi speċifiċi, li jistgħu jitkejlu u jintlaħqu għall-istrateġiji ta' żvilupp lokali 2007–2013;
- (5) tiċċekkja programmi futuri f'biżżejjed dettall fir-rigward tal-elementi speċifiċi li huma fundamentali għall-valur miżjud, l-effettività u l-effiċjenza tal-Leader; u
- (6) tiżgura li hija tista' tagħti rendikont tal-valur miżjud u tal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-Leader u tikkoordina mal-Istati Membri biex tiżgura li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll jipprovdu aċċertament dwar is-sens ta' ġustizzja u t-trasparenza tal-proċeduri.

#### L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

6. Tnejn mis-sitt rakkomandazzjonijiet ġew implimentati fil-parti l-kbira tal-aspetti (Nri 2 u 3), tlieta f'xi aspetti (Nru 1, 4 u 6) u f'każ wieħed l-evidenza disponibbli kienet insuffiċjenti biex tiġi fformata opinjoni (Nru 5) billi l-programmi 2014-20 għadhom mhumiex disponibbli.

Il-punti prinċipali mis-segwitu tal-Qorti

#### STANDARDS ĊARI

7. It-titjib prinċipali kien il-provvediment ta' regoli aktar ċari għall-kumitat tal-LAGs għat-teħid tad-deċiżjonijiet.

8. Id-dgħufija prinċipali hija li l-infiq imġarrab qabel l-approvazzjoni ta' applikazzjonijiet għal għotjiet jista' jkompli jkun eliġibbli.

## KUNFLITT TA' INTERESS

### 9.

Ir-rekwiżit tal-evitar ta' kunflitti ta' interess ġie inkluż fir-regolament ta' implimentazzjoni (KE) Nru 1974/2006<sup>8</sup>. Madankollu, dan ma jirrikjedix b'mod speċifiku li dikjarazzjonijiet ta' interessi jiġu dokumentati u magħmula disponibbli għall-pubbliku li, kieku, tkun salvagwardja effettiva.

<sup>8</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 15).

## MONITORAĠĠ

### 10.

Filwaqt li x-xogħol ta' evalwazzjoni li għadu għaddej u l-evalwazzjoni *ex post* x'aktarx li jitjiebu wara l-gwi-da pprovduta mill-Kummissjoni, l-informazzjoni attwalment disponibbli għadha mhix suffiċjenti biex turi l-valur miżjud miksub mil-Leader.



# ANNEX V



## KOEŻJONI: FOND TA' SOLIDARJETÀ

**1. Ir-Rapport Speċjali Nru 3/2008 kien jikkonċerna l-Fond ta' Solidarjetà u qajjem kwistjonijiet dwar kemm huwa rapidu, effiċjenti u flessibbli.**

**2.** Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) ġie mwaqqaf fl-2002 b'reazzjoni għall-għargħar serju fil-Ġermanja, fl-Awstrija, fir-Repubblika Ċeka u fi Franza. Il-Fond kien maħsub biex juri solidarjetà mal-Istati Membri li jkunu qed ibatu b'riżultat ta' diżastri naturali. Sal-aħħar tal-2006 huwa kien ta għajjnuna ta' l fuq minn EUR 1 biljun fir-rigward ta' 23 diżastru.

(Sors: Nota ta' Informazzjoni ECA/08/10)

**3.** Il-Kunsill ried li l-FSUE jkun rapidu, effiċjenti u flessibbli fil-provvediment tal-assistenza. L-awditu tal-FSUE eżamina jekk il-Fond kienx kiseb dawn il-miri u jekk l-istati riċevituri kinux sodisfatti bil-Fond.

### Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

**4.** Il-Qorti rrakkomandat li l-Kummissjoni għandha:

- (1) jkollha proċeduri stabbiliti biex tiżgura li stat applikant jirċievi gwida f'waqtha u dettaljata dwar ir-rekwiżiti tal-applikazzjoni, u
- (2) tistabbilixxi kuntatt dirett mal-korp fl-Istat Membru jew Stat ta' Adeżjoni responsabbli għall-preparazzjoni tal-applikazzjoni.

### L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

**5.** Iż-żewġ rakkomandazzjonijiet kienu implimentati bis-sħiħ.

## Il-punti prinċipali mis-segwitu tal-Qorti

### LINJI GWIDA GĦAL STATI APPLIKANTI

**6.** Inkiseb titjib fil-kwalità tal-applikazzjonijiet, kif muri bit-tnaqqis fl-għadd ta' applikazzjonijiet rifjutati u dawk li ntalbet informazzjoni addizzjonali għalihom.

**7.** Jista' jinkiseb aktar titjib, fir-rigward tal-fażi ta' valutazzjoni u l-fażijiet sussegwenti u li jiffaċilita l-eżekuzzjoni tal-pagamenti, permezz ta' reviżjoni tar-Regolament tal-FSUE.

# ANNEX VI



## KOEŻJONI: TAĦRIĠ VOKAZZJONALI GĦAN-NISA

**1. Ir-Rapport Speċjali Nru 17/2009 kien jikkonċerna azzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali għan-nisa kofinanzjati mill-FSE.**

**2.** It-taħriġ vokazzjonali għan-nisa — il-mezz prinċipali speċifiku ffinanzjat mill-FSE għall-promozzjoni ta' opportunitajiet ugwali għall-irġiel u għan-nisa fis-suq tax-xogħol — ammonta għal EUR 3 biljun stmati matul il-perjodu 2000-2006. Dawn il-miżuri jikkomplementaw programmi jew azzjonijiet li l-Istati Membri jistgħu jimplementaw mingħajr kofinanzjament mill-UE. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, il-baġit għal azzjonijiet speċifiċi naqas b'mod sinifikanti, peress li ġie enfasizzat aktar dak li huwa magħruf bħala gender mainstreaming (integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi).

(Sors: Nota ta' Informazzjoni ECA/10/06)

**3.** Il-Qorti analizzat jekk l-azzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali għan-nisa kofinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006 kinux magħżula b'mod xieraq u mmonitorjati b'mod adegwat.

### Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

**4.** Il-Qorti rakkomandat li fir-rigward tal-għażla ta' azzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali:

- (1) programmi operazzjonali futuri ppreparati fl-Istati Membri u approvati mill-Kummissjoni jiġu stabbiliti fid-dawl ta' analiżi tal-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol;
- (2) titwaqqaf proċedura tal-għażla tal-proġetti mfassla b'mod xieraq fl-Istati Membri u implimentata b'mod korrett; u
- (3) il-Kummissjoni għandha tkompli timmonitorja l-istabbiliment ta' indikaturi xierqa u fattibbli mill-Istati Membri u li tinġabar *data affidabbli* fl-Istati Membri.

### L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

**5.** Il-Kummissjoni implimentat rakkomandazzjoni waħda fil-parti l-kbira tal-aspetti (Nru 2) u t-tnejn l-oħra f'xi aspetti (Nri 1 u 3).

### Il-punti prinċipali mis-segwitu tal-Qorti

#### ANALIŻI TAL-KUNDIZZJONIJET TAS-SUQ TAX-XOGĦOL

**6.** Analiżi tal-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol għadha mhix parti sistematika tal-analiżijiet jew tar-rapportar tal-Programmi Operazzjonali (PO) attwali. Madankollu, għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-allinjament mal-Istrateġija Ewropa 2020 u mar-rekwiżiti speċifiċi għat-tnejn tal-PO, għandu jirriżulta fil-provvediment ta' analiżijiet tas-suq tax-xogħol. L-abbozzi tar-Regolamenti għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, li qed jistennew l-approvazzjoni, fihom dispożizzjonijiet għal approċċ aktar b'saħħtu li huwa orjentat lejn ir-riżultati, b'indikaturi tal-outputs, riżultati mistennija, proċedura għall-għażla tal-operazzjonijiet u gruppi mmirati.

#### PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA TA' PROĠETTI

**7.** Il-Kummissjoni ħarġet nota ta' gwida dwar proċeduri trasparenti tal-għażla ta' proġetti u vvalutat l-implimentazzjoni tagħha permezz tal-awditi tagħha. Madankollu, il-gwida ma għamlitx ir-rabta mal-analiżi tas-suq tax-xogħol irrakkomandata.

#### INDIKATURI XIERQA U FATTIBBLI

**8.** Il-Kummissjoni ħarġet linji gwida għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali u pproponiet gwida u indikaturi obligatorji għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss li huma inklużi fl-abbozz tar-regolament.

# ANNEX VII



## AZZJONIJIET ESTERNI: RIABILITAZZJONI

### 1. Ir-Rapport Speċjali Nru 6/2008 kien jikkonċerna r-riabilitazzjoni wara z-Tsunami fl-Oċean Indjan u l-Uragan Mitch.

2. Iż-Tsunami fl-Oċean Indjan tas-26 ta' Diċembru 2004 qatel aktar minn 200 000 ruħ u kkawża danni ta' madwar EUR 10 biljun. Ir-reazzjoni tal-għajnuna umanitarja inizjali tal-Kummissjoni, imfassla biex issalva l-ħajjiet u biex tindirizza ħtiġijiet immedjati, ġiet segwita minn għajnuna ta' madwar EUR 300 miljun għar-riabilitazzjoni fuq terminu itwal immirata lejn ir-rikostruzzjoni ta' infrastruttura bażika u l-provvediment ta' bażi għal żvilupp sostenibbli.

(Sors: Nota ta' Informazzjoni ECA/08/13)

3. Il-Qorti rrappurtat dwar ir-reazzjoni tal-għajnuna umanitarja inizjali tal-Kummissjoni għaż-Tsunami fir-Rapport Speċjali Nru 3/2006 u dan it-tieni awditu (ir-Rapport Speċjali Nru 6/2008) eżamina l-fażi ta' riabilitazzjoni sussegwenti u inkluda wkoll l-EUR 250 miljun f'reazzjoni ta' riabilitazzjoni mill-Kummissjoni għall-Uragan Mitch li laqat lill-Amerika Ċentrali f'Ottubru 1998.

### Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

4. Il-Qorti rakkomandat li l-Kummissjoni għandha:

- (1) tfassal malajr proġetti ta' riabilitazzjoni u tinvolvi l-benefiċjarji;
- (2) tkompli l-isforzi tagħha, b'koperazzjoni sħiħa ma' donaturi oħra, biex ittejjeb it-trasparenza tal-fondi u tistabbilixxi analiżi tal-kwalità indipendenti;
- (3) tiżgura li informazzjoni komparabbli tal-ispejjeż hija disponibbli u li jiġu żviluppata miri ċari għall-proġetti;

- (4) tantiċipa aħjar iż-żidiet sinifikanti fil-prezzijiet wara diżastri naturali;
- (5) tiżgura viżibbiltà adegwata għall-proġetti ffinanzjati mill-UE; u
- (6) tiżgura s-sostenibbiltà tal-proġetti wara li jkun intemm il-finanzjament mill-UE.

### L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

5. Il-Kummissjoni implimentat erba' rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ (Nri 1, 2, 5, u 6) u implimentat it-tnejn li fadal fil-parti l-kbira tal-aspetti (Nri 3 u 4).

### Il-punti prinċipali mis-segwitu tal-Qorti

#### TITJIB TAL-ĠESTJONI U TAL-KOOPERAZZJONI

6. Il-Kummissjoni ħalqet u ppromwoviet l-Unità għall-Fraġilità u l-Immaniġġjar ta' Kriżijiet tal-EuropeAid. Barra minn hekk, hija ħarġet bosta komunikazzjonijiet, inkluża l-Aġenda għall-Bidla, l-Istrateġija u l-Pjan ta' Implimentazzjoni għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri (TRD), u l-Komunikazzjoni ta' Reżiljenza, li tirrappreżenta pass importanti fil-mixja 'l quddiem tal-approċċ ta' Kollegament tal-Għajnuna ta' Emerġenza, ir-Riabilitazzjoni u l-Iżvilupp (LRRD).

7. Ġew imtejjbin ukoll ir-rappurtar u l-monitoraġġ permezz tal-Fond Fiduċjarju b'Bosta Donaturi (MDTF) u permezz ta' speċjalist tekniku indipendenti.

## **SPEJJEŻ KOMPAREBBLI U MIRI ĊARI GĦALL-PROĠETTI**

### **8.**

Filwaqt li l-Kummissjoni tkompli tiżgura li l-implimentazzjoni tal-proġetti tagħha tiġi evalwata, il-EuropeAid ma jiżgurax li l-informazzjoni komparabbli tal-ispejjeż tkun disponibbli fil-pront bħala referenza li magħha jistgħu jiġu mmonitorjati l-ispejjeż tal-proġetti.

## **VIŻIBBILTÀ TAL-FINANZJAMENT MILL-UE**

### **9.**

Il-metodoloġija standard tal-EuropeAid għal missjonijiet ta' verifikazzjoni mill-persunal tal-HQ għad-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea ġiet riveduta biex tinkludi bosta kontrolli dwar il-viżibbiltà tal-finanzjament mill-UE. Il-grupp għall-appoġġ għall-kwalità (GAK) jivvaluta wkoll il-viżibbiltà tal-UE għall-proġetti u l-applikazzjonijiet għal għotjiet kollha. Il-linji gwida għal organizzazzjonijiet internazzjonali jirrikjedu wkoll tali viżibbiltà tal-UE meta jgħinu lill-Kummissjoni biex timplimenta l-programmi.

## **SOSTENIBBILTÀ**

### **10.**

Kull waħda mil-listi tal-kontroll tal-GAK għall-identifikazzjoni u l-formulazzjoni tal-proġetti tiċċekkja aspetti tas-sostenibbiltà fl-istadju tat-tfassil tal-proġetti. Kontrolli oħra jiżguraw ukoll li s-sostenibbiltà tkun fil-qalba tal-interventi kollha.

# ANNEX VIII



## AZZJONIJIET ESTERNI: APPOĠĠ MILL-FEŻ

**1. Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2009 kien jikkonċerna l-effettività tal-appoġġ mill-FEŻ għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali fl-Afrika tal-Lvant u fl-Afrika tal-Punent.**

**2.** L-integrazzjoni reġjonali hija l-proċess ta' kooperazzjoni bejn pajjiżi ġirien biex itejjeb l-istabbiltà politika u jstimula l-iżvilupp ekonomiku f'reġjun. Fi swieq akbar u aktar armonizzati, il-moviment ħieles tal-oġġetti, tas-servizzi, tal-kapital u tal-persuni jippermetti ekonomiji ta' skala u jstimula n-negozju u l-investment. Għalhekk, l-integrazzjoni ekonomika reġjonali bejn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw hija mezz ta' tkabbir ekonomiku u tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar.

(Sors: RS Nru 18/2009, Sommarju Eżekuttiv)

**3.** Il-Qorti analizzat jekk l-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali kienx effettiv fl-Afrika tal-Lvant u fl-Afrika tal-Punent, li flimkien jammontaw għal ħafna aktar minn 50 % tal-ammont totali allokat lill-programmi reġjonali tal-FEŻ. Il-Qorti eżaminat l-approċċ tal-Kummissjoni Ewropea, il-ġestjoni tagħha tal-appoġġ mogħti u kampjun ta' proġetti individwali u kkonkludiet li, kumplessivament, sa issa l-appoġġ mill-FEŻ għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali kien parzjalment effettiv biss, minħabba għadd ta' fatturi.

### Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

**4.** Il-Qorti rakkomandat li l-Kummissjoni għandha:

- (1) tagħmel l-appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali kundizzjonali fuq ftehim bikri dwar kif għandha tinkiseb il-konverġenza meħtieġa bejn organizzazzjonijiet reġjonali;
- (2) ittejjeb il-koerenza bejn l-istrateġija reġjonali u l-istrateġiji nazzjonali tagħha;
- (3) teżamina jekk l-allokazzjoni finanzjarja lill-programmi reġjonali hijiex għolja wisq;

- (4) tiddefinixxi b'mod ċar ir-responsabbiltajiet tad-delegazzjonijiet differenti fir-reġjuni kkonċernati;
- (5) tistabbilixxi mekkaniżmu ta' koordinazzjoni xieraq bejn delegazzjonijiet f'reġjun;
- (6) tanalizza r-riżorsi allokati lid-delegazzjonijiet għall-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi reġjonali tagħha;
- (7) tuża ftehimiet ta' kontribuzzjoni ma' organizzazzjonijiet reġjonali biss fejn il-ġestjoni finanzjarja tinstab li tikkonforma mal-istandards internazzjonali;
- (8) Tgħin lill-organizzazzjonijiet reġjonali biex itejbu l-koordinazzjoni bejniethom u bejnhom u bejn l-Istati Membri tagħhom;
- (9) Tgħin lill-organizzazzjonijiet reġjonali biex jistabbilixxu sistemi ta' monitoraġġ;
- (10) tifformula objettivi SMART għall-proġetti; u
- (11) tagħti aktar attenzjoni għal rappurtar regolari u ta' kwalità tajba dwar il-progress, monitoraġġ sistematiku, u evalwazzjoni tar-riżultati tal-proġetti.

### L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

**5.** Il-Kummissjoni implimentat ħames rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ (Nri 3, 4, 5, 7 u 8), erba' rakkomandazzjonijiet ġew implimentati fil-parti l-kbira tal-aspetti (Nri 1, 2, 9 u 10), u f'żewġ każijiet (Nri 6 u 11) il-Qorti ma setgħetx tilħaq konklużjoni dwar sa fejn ġew implimentati.

## Il-punti prinċipali mis-segwitu tal-Qorti

### INTEGRAZZJONI REĠJONALI

#### 6.

Qed ikomplu jsiru attivitajiet minn organizzazzjonijiet reġjonali fiż-żewġ reġjuni kif ukoll minn membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet bħala parti mill-ħidma lejn integrazzjoni reġjonali ulterjuri, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni ta' impenji relatati mal-integrazzjoni fil-livell nazzjonali li jkunu ġew miftiehma fil-livell reġjonali. Il-Kummissjoni kompliet tagħti appoġġ lill-proċess ta' integrazzjoni reġjonali orjentat lejn it-titjib tal-koordinazzjoni u tal-konverġenza bejn l-organizzazzjonijiet reġjonali u lejn it-titjib tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni. Madankollu, f'xi membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet għad hemm nuqqas ta' interess fil-mixja lejn l-integrazzjoni reġjonali kif ukoll kapaċità istituzzjonali dgħajfa fi ħdan l-organizzazzjonijiet reġjonali.

### KOERENZA FL-ISTRATEĠIJI REĠJONALI/NAZZJONALI U L-ALLOKAZZJONI TAL-FINANZJAMENT

#### 7.

Il-Kummissjoni wettqet għadd ta' attivitajiet biex tiżgura koerenza akbar bejn l-istrateġiji ta' integrazzjoni reġjonali u l-azzjonijiet fil-livell reġjonali u fil-livell nazzjonali, li għandha ssir aktar evidenti taħt il-11-il FEŻ. Saret ukoll allokazzjoni mill-ġdid u aktar realistika tal-fondi bejn ir-reġjuni differenti, fejn parti mill-fondi tal-10 FEŻ ġew allokati mill-ġdid għall-inizjattiva enerġija sostenibbli għal kulħadd.

### DELEGAZZJONIJIET

#### 8.

Fl-2010 l-Kummissjoni ħejjiet u ċċirkulat nota ta' gwida għall-ġestjoni tal-programmi reġjonali, li għandha twassal għal koordinazzjoni mtejba bejn l-HQ u d-delegazzjonijiet u bejn id-delegazzjonijiet infushom. Dawn il-linji gwida ddefinixxew b'mod ċar ukoll meta jkun jista' jiġi ffirmat ftehim ta' kontribuzzjoni ma' organizzazzjoni reġjonali. L-evidenza ta' rinforzi lill-erba' delegazzjonijiet reġjonali kkonċernati tiddependi fuq il-wasla reali tal-persunal addizzjonali (ippjanata għall-2013 u l-2014).

### VALUTAZZJONI, MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI TAL-PROĠETTI

#### 9.

Il-gruppi għall-appoġġ għall-kwalità tal-Kummissjoni jwettqu valutazzjoni sistematika ta' proġetti/programmi proposti. Madankollu, il-linji gwida tematiċi li għandhom jintużaw għat-tnejja ta' proġetti/programmi reġjonali għadhom ma ġewx iffinalizzati. Il-Kummissjoni tinsab ukoll fil-proċess li tirrevedi s-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tagħha.

# ANNEX IX



## AZZJONIJIET ESTERNI: MIŻURI BANKARJI

### 1. Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2009 kien jikkonċerna miżuri bankarji fiż-żona tal-Mediterran.

2. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u pajjiżi Mediterranji li mhumiex membri bdiet madwar 30 sena ilu u kompliet tiżviluppa gradwalment matul is-snin. Il-qafas għal miżuri finanzjarji u tekniċi (MEDA) li jimmira li jakkumpanja r-riforma ta' strutturi ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi sħab fil-kuntest tas-sħubija Ewro-Mediterranja, kopra l-perjodu 1996–2006.

3. Tliet tipi ta' miżuri bankarji huma ffinanzjati taħt ir-Regolamenti MEDA jew il-protokollu preċedenti mill-baġit tal-UE u implimentati mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI): assistenza teknika permezz tal-Fond ta' Appoġġ FEMIP (Faċilità Ewro-Mediterranja ta' Investment u Sħubija), sussidji fuq ir-rata tal-imgħax għal ċertu self mill-BEI u operazzjonijiet ta' kapital ta' riskju.

(Sors: Nota ta' Informazzjoni ECA/09/18)

4. Il-Qorti awditjat il-miżuri bankarji taħt il-programm MEDA u l-protokollu preċedenti biex tiddetermina jekk il-proġetti li kienu għadhom għaddejjin kinux qed jiġu mmonitorjati b'mod adegwat mill-Kummissjoni u mill-BEI u jekk il-proġetti kinux laħqu l-oġġettivi tagħhom.

### Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

5. Il-Qorti rrakkomandat li l-Kummissjoni għandha:

- (1) twaqqaf programm ta' evalwazzjoni u monitoraġġ imfassal speċifikament għall-miżuri bankarji;
- (2) tiżgura l-koordinazzjoni effettiva tal-għajnuna;
- (3) tinnegozja konvenzjonijiet dwar il-ġestjoni adegwata;

(4) tiżgura li l-monitoraġġ mill-BEI jipprevedi li l-proġetti kollha jiġu esegwiti b'mod adegwat u li l-obbligi finanzjarji u tar-rappurtar tal-intermedjarji/promoturi jiġu rrispettati; u

(5) tiddefinixxi strateġija kumplessiva għal operazzjonijiet ta' kapital ta' riskju u tagħżel l-aħjar proċess ta' implimentazzjoni.

### L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

6. Il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ il-ħames rakkomandazzjonijiet kollha.

### Il-punti prinċipali mis-segwitu tal-Qorti

#### PROGRAMM TA' EVALWAZZJONI U MONITORAĠĠ

7. Il-Kummissjoni introduċiet bidliet organizzazzjonali u proċedurali ewlenin, bħal:

- (1) fl-2008 l-EuropeAid stabbilixxa taqsima ġdida fi ħdan l-unità responsabbli mill-miżuri bankarji fiż-żona tal-Mediterran bl-għan li jindirizza l-osservazzjonijiet tal-Qorti mill-aktar fis possibbli;
- (2) fl-2011, waqt l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-EuropeAid, inħolqot unità ġdida biex tippromwovi, tikkoordina, tiġġestixxi u timmonitorja strumenti finanzjarji innovattivi tal-portafollu tar-relazzjonijiet esterni fir-reġjuni koperti mill-EuropeAid; u
- (3) fi tmiem l-2009 l-EuropeAid żviluppa linji gwida dettaljati għall-BEI sabiex jiddefinixxi b'mod ċar l-għażla tagħhom ta' operazzjonijiet ġodda ffinanzjati mill-baġit tal-UE.

## **KOORDINAZZJONI TAL-ASSISTENZA**

8. Mill-2010 'l hawn tgiebet b'mod sinifikanti l-koordinazzjoni bejn il-EuropeAid, il-BEI u s-Servizz Ewropew għall-Azzjonijiet Esterni (SEAE). Barra minn hekk il-EuropeAid organizza sessjonijiet ta' informazzjoni u pprova taħriġ lill-persunal fid-delegazzjonijiet tal-UE li jitrattaw dawn il-faċilitajiet sabiex jiġu ssimplifikati l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar fil-livell lokali.

## **KONVENZJONIJET DWAR IL-ĠESTJONI**

### **9.**

Fi tmiem l-2012 ġie ffirmat ftehim ġdid ta' ġestjoni bejn l-UE u l-BEI dwar l-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet iffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-UE, u dan ġab titjib fil-konformità ambjentali u fil-monitoraġġ, fil-viżibbiltà tal-finanzjamenti mill-UE, u fir-rappurtar.



# ANNEX X



## DĦUL: ĠESTJONI TAT-TEŻOR

### 1. Ir-Rapport Speċjali Nru 5/2009 kien jikkonċerna l-Ġestjoni tat-Teżor tal-Kummissjoni.

2. Il-kompiti prinċipali tal-ġestjoni tat-teżor mill-Kummissjoni huma: (a) l-ippjanar u t-tbassir tat-teżor u b'mod aktar speċifiku t-tbassir tal-fluss tal-flus kontanti u l-ġbid ta' riżorsi finanzjarji minn kontijiet ta' riżorsi proprji, (b) il-ġestjoni ta' operazzjonijiet tat-teżor (riċevuti u pagamenti), u (c) il-ġestjoni ta' kontijiet bankarji.

3. Il-ġestjoni tat-teżor issir minn żewġ direttorati ġenerali (DĠ): id-DĠ Baġit u d-DĠ Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji. Id-DĠ Baġit huwa responsabbli għall-ġestjoni tat-teżor tal-baġit kollu ġestit mill-Kummissjoni u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp. Id-DĠ Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji huwa responsabbli għall-ġestjoni tat-teżor ta' partiti oħra mhux baġitarji u għall-investment tal-fondi Komunitarji.

(Sors: Nota ta' Informazzjoni ECA/09/30)

4. L-oġġettiv prinċipali tal-awditu tal-Qorti kien li jivvaluta l-kwalità tal-ġestjoni tat-teżor mill-Kummissjoni u b'mod partikolari jekk: (a) il-Kummissjoni kkonformatx mar-regoli u r-regolamenti applikabbli għall-ġestjoni tat-teżor; u (b) il-Kummissjoni kinitx stabbilixxiet sistemi ta' kontroll intern li jiżguraw il-ġestjoni soda tat-teżor.

### Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

5. Il-Qorti rakkomandat li l-Kummissjoni għandha:

- (1) tanalizza l-funzjonalità tas-sistema preżenti tal-kontijiet tar-riżorsi proprji, bl-għan li tnaqqas il-bilanċi fuq dawn il-kontijiet, u
- (2) ttejjeb id-dokumentazzjoni tal-proċeduri tagħha għat-tbassir tal-fluss tal-flus kontanti.

6. Hija rakkomandat ukoll b'relazzjoni mas-sistemi ta' kontroll intern, li l-Kummissjoni għandha:

- (1) ittejjeb is-superviżjoni tagħha tal-attivitajiet tal-ġestjoni tat-teżor;
- (2) ittejjeb id-dokumentazzjoni tal-ġestjoni tar-riskji tagħha;
- (3) ikollha politika uniformi u linji gwida adegwati għall-ftuħ ta' kontijiet fiduċjarji; u
- (4) tfittex l-aħjar soluzzjoni għat-trattament ta' multi miġbura proviżorjament.

7. Il-Qorti rakkomandat ukoll b'relazzjoni mal-kontijiet imprest li:

- (1) għandhom jiġu segwiti r-rekwiżiti stabbiliti għall-proċeduri tal-offerti għall-għażla tal-banek u għandha tiġi dokumentata b'mod xieraq il-proċedura tal-għażla.

### L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

8. Il-Kummissjoni implimentat ħames rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ (Nri 2, 3, 4, 5 u 7) u żewġ rakkomandazzjonijiet ġew implimentati fil-parti l-kbira tal-aspetti (Nri 1 u 5).

## Il-punti prinċipali mis-segwitu tal-Qorti

### L-ANALIŻI TA' KONTIJET TAR-RIŻORSI PROPRI

**9.** FI-2008, fl-2009 u fl-2011 id-DĠ Baġit irnexxielu jnaqqas il-bilanċi fi tmiem is-sena minkejja n-nuqqas ta' bidliet għas-sistema tal-ġbir tar-riżorsi proprji mill-Istati Membri. Billi s-sistema hija l-leġiżlata mill-Kunsill, il-Kummissjoni ma għandhiex il-kompetenza li tibdel is-sistema.

### PROĊEDURI TA' TBASSIR TAL-FLUSSI TAL-FLUS KONTANTI

**10.** L-għodod tar-rappurtar għat-tbassir tal-flussi tal-flus kontanti u tat-teżor ġew riveduti fl-2009 u l-ġestjoni aġġornata tal-flussi tal-flus kontanti issa tinkludi komunikazzjonijiet bil-miktub ta' kull xahar. Qed jiġu aġġornati wkoll proċeduri ta' rappurtar u ta' tbassir tal-flussi tal-flus datati mill-2010.

### SORVELJANZA MTEJBA

**11.** Il-politika dwar il-ġestjoni tar-riskju tad-DĠ Baġit hija riveduta regolarment u jsiru modifiki tal-limiti u tar-rekwiżiti. Saru diskussjonijiet ukoll bejn id-DĠ Baġit u d-DĠ Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji dwar it-titjib tal-ġestjoni tar-riskju u tal-ġestjoni ta' multi.

**12.** Il-politika dwar il-ġestjoni tar-riskju finanzjarju tal-Kummissjoni ġiet ippubblikata fl-2012. Barra minn hekk, id-DĠ Baġit stabbilixxa politika dwar il-ġestjoni tar-riskju għal operazzjonijiet tat-teżor u ta' pagament u hemm proċeduri speċifiċi stabbiliti għal riskji operazzjonali għall-kontinwità tan-negozju.

**13.** Ġew stabbiliti indikaturi għall-operazzjonijiet tat-teżor mill-Kummissjoni. Dawn l-indikaturi huma traċċati regolarment u l-eċċezzjonijiet jew id-devjazzjonijiet mill-miri jiġu analizzati u segwiti.

### TRATTAMENT TA' MULTI MIĠBURA B'MOD PROVIŻORJU

**14.** Id-DĠ Baġit u d-DĠ Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji ffirmaw ftehim dwar il-livell ta' servizz fi tmiem l-2009. Barra minn hekk, inħoloq fond għall-multi ġodda msarrfa b'mod proviżorju, ġestit minn Jannar 2010 'l hawn mid-DĠ Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji. Barra minn hekk fl-2011, l-IAC tad-DĠ Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji eżaminat l-arranġamenti riveduti għat-trattament ta' multi miġbura b'mod proviżorju u kkonkludiet li din l-attività kienet ġestita b'mod effettiv.

### ĠESTJONI TA' KONTIJET IMPREST

**15.** F'kooperazzjoni mill-qrib mad-delegazzjonijiet tal-UE, id-DĠ Baġit jipproponi l-aktar soluzzjonijiet ekonomiċi għall-ġestjoni ta' kontijiet imprest. Dawn il-proċeduri tal-għażla jiġu dokumentati u l-konformità mal-proċeduri tiġi eżaminata matul żjarat ta' spezzjoni mid-DĠ Baġit. Dawn l-ispezzjonijiet jistgħu jirriżultaw f'rakkomandazzjonijiet imniżżla fir-rapporti ta' spezzjoni li jiġu kkomunikati lis-SEAE.

### KONTIJET FIDUĊJARJI

**16.** Filwaqt li l-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju ġew applikati mill-1 ta' Jannar 2013, ir-regoli l-ġodda dwar strumenti finanzjarji u ġestjoni indiretta se jkun applikabbli biss mill-1 ta' Jannar 2014. Il-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv ("FAFA" - politiki u linji gwida għall-operazzjoni ta' ċerti kontijiet fiduċjarji) bejn il-BEL u l-Kummissjoni, kif ukoll istruzzjonijiet speċifiċi dwar kontijiet fiduċjarji, għadhom iridu jiġu ffirmati.

# ANNEX XI



## RIĊERKA: PROGRAMMI QAFAS RŻT

**1. Ir-Rapport Speċjali Nru 9/2007 kien jikkonċerna l-evalwazzjoni tal-programmi qafas dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, biex jiġi stabilizzat jekk l-approċċ tal-Kummissjoni setax jittnejjem.**

**2.** Fi ħdan il-firxa wiesgħa ta' politiki implimentati fl-Unjoni Ewropea biex jissaħħu l-innovazzjoni u l-kompetittività, il-programmi qafas RŻT (FPs) huma l-aktar strument finanzjarju importanti li jikkontribwixxi għall-istrateġija ta' Lisbona u għall-oġġettiv ta' Barċellona fil-livell tal-Komunità. Permezz tal-FPs, il-Komunità ttiprovdi finanzjament lil riċerkaturi fi ħdan l-Unjoni Ewropea, pajjiżi assoċjati u aktar lil hinn minn hekk. Il-baġits tagħhom kibru b'mod sinifikanti matul is-snin, u laħqu EUR 7 217 il-miljun fis-sena taħt l-FP7 (2007 sa 2013).

**3.** L-awditu indirizza l-mistoqsija bażika ta' jekk l-approċċ tal-Kummissjoni għal valutazzjoni tar-riżultati tal-FPs kienx adegwat. F'ħdan il-kuntest, il-Qorti ċċekkja jekk il-Kummissjoni kinitx issodisfat ir-rekwiżiti legali u aċċertat jekk is-sistema għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ laħqitx l-aspettattivi tal-partijiet interessati.

(Sors: Nota ta' Informazzjoni ECA/07/40)

**4.** L-awditu tal-Qorti kopra l-arranġamenti dwar l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ stabbiliti fil-Kummissjoni sa mill-1995, għall-aħħar tliet perjodi ta' programmazzjoni (FP4, FP5, FP6), u tat ukoll prospettiva għall-FP7 attwali (2007 - 2013).

### Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

**5.** Il-Qorti rakkomandat li:

- (1) il-loġika tal-intervent għandha ssir espliċita fil-leġiżlazzjoni futura;
- (2) għandha tiġi żviluppata strateġija tal-evalwazzjoni komprensiva;
- (3) għandu jiġi meqjus it-twaqqif ta' ufficiju konġunt tal-evalwazzjoni biex jikkoordina l-attivitajiet ta' evalwazzjoni tad-"DĠ għar-riċerka" għall-FP fl-intier tiegħu; għandu jsir l-aħjar użu mill-għbir tad-*data*, mill-evalwazzjoni u mir-rappurtar; u
- (4) il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi t-tip u l-ambitu tal-evalwazzjonijiet u tikkjarifika kif jistgħu jintużaw.

### L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti

**6.** Il-Kummissjoni implimentat erba' rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ (Nri 1, 3, 4 u 5) u rakkomandazzjoni waħda ġiet implimentata fil-parti l-kbira tal-aspetti (Nru 2).

## Il-punti prinċipali mis-segwitu tal-Qorti

### LOĠIKA TAL-INTERVENT

#### 7.

Il-proposti leġiżlattivi l-ġodda jinkludu deskrizzjoni ċara u komprensiva tal-oġġettivi speċifiċi għall-finanzjament tar-riċerka, kif ukoll għadd limitat ta' indikaturi ewlenin għall-valutazzjoni tar-riżultati u tal-impatt. Madankollu, dawn il-proposti għadhom ma ġewx approvati mil-leġiżlatur.

### EVALWAZZJONI U MONITORAĠĠ

#### 8.

Il-Kummissjoni stabbilixxiet sistema għall-ġbir ta' sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni mifruxa mal-FP7 kollu, li jiffurmaw is-sinġla tar-rapporti annwali ta' monitoraġġ tal-FP7. Ġie stabbilit ukoll manwal għall-evalwazzjoni tal-programmi ta' riċerka u dan jifforma parti mill-istandards tal-kontroll intern fid-DĠ Riċerka u Innovazzjoni. Madankollu, għadu ma ġiex prodott dokument li fih l-istrateġija konkreta tal-evalwazzjoni.

#### 9.

Għalkemm mhuwiex uffiċċju konġunt ta' evalwazzjoni, in-Netwerk Interservizzi għall-Evalwazzjoni tal-RŻT issa jikkoordina l-attivitajiet ta' evalwazzjoni tad-"DĠ għar-riċerka" għall-FP.

#### 10.

Il-Kummissjoni stabbilixxiet maħżen għad-*data* komuni ta' riċerka li jipprovdi lil utenti b'informazzjoni dwar l-eżitu ta' sejħiet konklużi għal offerti tal-FP7, inkluża statistika dwar il-parteċipazzjoni u l-prestazzjoni tal-FP7.

# RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

## TAQSIRA EŻEKUTTIVA

### VI.

Il-funzjonijiet tar-RAD u l-kategoriji "aċċettat", "miċħud", "magħmul" u "mħassar" inġolqu fl-2003. Meta rakkomandazzjoni tkun aċċettata parzjalment u b'hekk implimentata parzjalment, is-servizzi ma jkollhom l-ebda għażla oħra ħlief li jagħżlu "Aċċettat" u iktar tard "Magħmul".

Madankollu, sa mill-pubblikazzjoni tal-ewwel rapport speċjali tal-Qorti dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tagħha u biż-żieda qawwija fl-għadd ta' rakkomandazzjonijiet u talbiet indirizzati lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni gēdet l-istruzzjonijiet indirizzati lis-servizzi tagħha bi tweġiba għall-imsemmija rakkomandazzjonijiet/talbiet billi talbithom jiddikjaraw biċ-ċar jekk is-servizzi kkonċernati aċċettawhomx u, fejn ikun possibbli, jindikaw sa liema punt dawn ikunu saru.

### VII.

Il-kategoriji "implimentati bis-sħiħ", "qed jiġu implimentati fil-biċċa l-kbira tal-aspetti", "qed jiġu implimentati f'xi aspetti", "mhux implimentati", "M/A skont il-qafas kurrenti" jew "ma għadux rilevanti", u "evidenza insuffiċjenti" intużaw mill-Qorti fir-rapport speċjali Nru 19/2012, ippubblikat lejn l-aħħar tal-2012.

Il-Kummissjoni, permezz tal-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar, għaddejja minn riflessjoni profonda dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet/talbiet sabiex jitqawwa l-proċess u se tikkonsulta lill-Qorti fuq din il-kwistjoni.

## L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI TA' 62 RAKKOMANDEZZJONI

### 15.

Is-sistema ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni għall-PAK lejn l-2020 tinkludi għanijiet ċari u sett ta' indikaturi li għandhom jgħinu biex jiġu vvalutati r-riżultati u l-impatt tal-miżuri/strumenti tal-PAK. Madankollu, ta' min jinnota li kull kejl għandu prezz, u spiss irid jinstab bilanċ bejn il-piż amministrattiv u l-ispejjeż għall-benefiċjarji u l-amministrazzjonijiet u l-benefiċċji li jkollok tagħrif dettaljat u reċenti. Barra minn hekk, l-indikaturi ma jistgħux jinqraw waħedhom, imma jitolbu analiżi bir-reqqa u interpretazzjoni fil-kuntest tagħhom.

## REVIŻJONI TA' PROĊEDURI TA' SEGWITU TAL-KUMMISSJONI

### 26.

RAD fih biss erba' kategoriji: "Aċċettat", "Miċhud", "Magħmul" u "Mħassar". Minħabba f'hekk, kull meta rakkomandazzjoni tkun aċċettata parzjalment u b'hekk implimentata parzjalment, is-servizzi ma jkollhom l-ebda għażla oħra ħlief li jagħżlu "Aċċettat" u iktar tard "Magħmul". Dan in-nuqqas ta' allinjament bejn il-kategorizzazzjoni tal-Kummissjoni u dik tal-Qorti jista' jiġġustifika d-diskrepanza bejn l-għadd ta' rakkomandazzjonijiet li l-Qorti tqis bħala "Implimentati bis-sħiħ" u dawk li tikklassifika bħala "Magħmula" fir-RAD. (ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu VI).

L-armonizzazzjoni tal-kategoriji użati mill-Kummissjoni u mill-Qorti tista' tkun waħda mis-suġġetti għad-diskussjoni fid-diskussjonijiet futuri bejn iż-żewġ istituzzjonijiet (kif imsemmi fit-tweġiba għar-rakkomandazzjoni wara l-paragrafu 32).

# RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

## 27.

Peress li r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti spiss jikkonsistu minn subrakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni reċentement introduċiet il-prassi li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jinqasmu fir-RAD biex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' segwitu. Il-Kummissjoni tistenna li din il-prassi twassal għal tnaqqis fl-għadd ta' rakkomandazzjonijiet implimentati parzjalment.

(Ara wkoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi VI u 26).

## 28.

Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafi VI, VII u 27.

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

## 32.

Sa mill-pubblikazzjoni tal-ewwel rapport speċjali tal-Qorti dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tagħha u biż-żieda qawwija fl-għadd ta' rakkomandazzjonijiet u talbiet indirizzati lilha, il-Kummissjoni gēdet l-istruzzjonijiet indirizzati lis-servizzi tagħha bi tweġiba għall-imsemmija rakkomandazzjonijiet/talbiet billi talbithom jiddikjaraw biċ-ċar jekk is-servizzi kkonċernati aċċettawhomx u, fejn ikun possibbli, jindikaw sa liema punt dawn ikunu saru.

### Rakkomandazzjoni

Il-Kummissjoni, permezz tal-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar, għaddejja minn riflessjoni profonda dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet/talbiet sabiex issaħħu u se titlob lill-Qorti biex tagħti kontribut kostruttiv dwar dan. Il-Kummissjoni taqbel li tivvaluta l-possibilità li tiżviluppa ulterjorment l-applikazzjoni RAD biex ittejjeb it-tagħrif ipprovdut lit-tmexxija.

## TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-ANNESS II: AGRIKOLTURA: SOSTENN GĦALL-PROGRAMMI OPERATTIVI TAL-PRODUTTURI TAL-FROTT U L-ĦAXIX

## 8.

Il-konċentrazzjoni tal-provvista tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (OP) tul l-aħħar snin tista' tintwera permezz ta' żieda ta' 12,2 punti perċentwali tar-rata ta' organizzazzjoni tal-OP fl-UE27 fl-2004-2010. L-ispinta tal-konċentrazzjoni tal-provvista tal-OP tidher partikolarment fl-UE15, filwaqt li r-rata ta' organizzazzjoni kumplessiva laħqet is-47,7 % fl-2010, kontra t-33,7 % fl-2004. L-għodod disponibbli (sostenn għall-gruppi produtturi) u l-emendi introdotti mir-riforma (rata oġhla ta' kofinanzjament u għajjnuna finanzjarja nazzjonali għall-programmi operattivi fl-Istati Membri bi grad baxx ta' organizzazzjoni jew li ngħaqdu mal-Unjoni fl-2004 jew wara) instabu li kienu effettivi f'ċerti każijiet (pereżempju: il-Portugall, il-Polonja). Madankollu, il-perjodu kkunsidrat huwa qasir wisq biex jippermetti żieda oġhla fl-UE12 li tkun simili għal dik irreġistrata fl-UE15.

## 11.

Il-Kummissjoni tagħraf li f'ħafna Stati Membri l-parti l-kbira tal-produtturi mhumiex membri ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u qiegħda tagħmel l-almu tagħha biex l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jkunu iktar attraenti. Sadat-tant, ir-reviżjoni attwali tal-iskema qiegħda tfittex miżuri ġodda biex tħeġġeġ mhux biss it-twaqqif ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi imma wkoll forum ġodda ta' kooperazzjoni bejn il-bdiewa.

# RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

## TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-ANNESS III: L-AGRIKOLTURA: GĦAJNUNA TA' IKEL LIL PERSUNI NEQSIN MINNU

### 5.

#### **Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet 2 u 6**

Il-Kummissjoni, b'referenza għar-rimarki tagħha li tat fil-paragrafi 8 u 10 tal-Anness III, tista' taqbel mal-valutazzjoni tal-Qorti.

#### **Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 7(a) u 7(b)**

Il-Kummissjoni, minħabba r-raġunijiet spjegati fil-paragrafi 11, 11(a) u 11(b) tal-Anness III, tista' taqbel parzjalment biss mal-valutazzjoni tal-Qorti.

#### **Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet 3 u 5**

Il-Kummissjoni ċaħdet dawn ir-rakkomandazzjonijiet minħabba r-raġunijiet speċifikati fil-paragrafu 10 tal-Anness III.

### 8.

#### **Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 2**

Il-Kummissjoni taqbel mal-osservazzjoni tal-Qorti u ttenni l-fehma tagħha li l-iskema kellha effett ta' lieva fuq l-iżvilupp ta' inizjattivi dwar l-ikel jew miżuri relatati minn entitajiet privati u awtoritajiet pubbliċi. Madankollu, effettivament, is-sinerġiji jistgħu jkunu promossi iktar. Din il-kwistjoni kienet indirizzata wkoll fil-kuntest tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-2008 u proposta sussegwenti għal Regolament tal-Kunsill ġdid. Minħabba t-tneħħija gradwali tal-iskema deċiża mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew fl-2012, l-ebda waħda minn dawn il-miżuri ma setgħet tiġi implimentata skont l-iskema kurrenti. Madankollu, il-Kummissjoni ppruvat tteġġeg it-twaqqif ta' sinerġiji u komplementaritajiet ma' azzjonijiet nazzjonali jew lokali oħrajn billi titlob id-deskrizzjoni ta' dawn ir-rabtiet fil-linji gwida mhux vinkolanti għall-pjanijiet annwali 2012 u 2013.

### 10.

#### **Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 3**

Il-Kummissjoni ttenni l-fehma tagħha li l-Istati Membri u mhux il-Kummissjoni huma fl-aħjar pożizzjoni biex jidderieġu l-azzjoni lejn il-bżonnijiet speċifiċi fil-livell nazzjonali u lokali. Ir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà jimxi pass pass ma' effiċjenza akbar tal-iskema meta r-responsabbiltà li għajnuna tasal għand il-benefiċjarji tibqa' l-kompetenza tal-Istati Membri. Dan ma jfissirx li ma jrid ikun hemm l-ebda direzzjoni, imma din trid titħalla f'idejn l-Istati Membri li, fil-pjanijiet tagħhom iridu jinkludu tagħrif komprensiv dwar ir-riċevituri u l-karitajiet li jieħdu sehem fil-programm. Dan l-aspett kien enfasizzat b'mod partikolari mill-Kummissjoni fil-linji gwida mhux vinkolanti għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet annwali 2012-2013.

#### **Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 5**

Il-Kummissjoni tqis li l-mod kif il-programm MDP qiegħed jitmexxa bħalissa (sa tmiemu bit-tlestija tal-pjan annwali 2013), b'element kbir ta' sussidjarjetà inkluż fih u d-direzzjoni tiegħu tingħata fil-livell nazzjonali, jippermetti l-aqwa impatt possibbli tal-programm, li jrid jiffoka fuq l-iktar nies fil-bżonn li jistgħu jvarjaw konsiderevolment minn Stat Membru għall-ieħor. L-introduzzjoni ta' standards oħrajn fuq livell tal-UE tista' tfixx il-flessibilità neċessarja li għandu jħaddan il-programm MDP sabiex jadatta għaċ-ċirkostanzi differenti tal-aktar persuni fil-bżonn fil-livell lokali.

# RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

## 10.

### **Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 6**

Fil-qafas tal-proċess ta' reviżjoni tal-MDP mibdi fl-2008, il-Kummissjoni analizzat bosta alternattivi biex ttejjeg lill-Istati Membri biex jistabbilixxu għanijiet SMART u jqawwu l-monitoraġġ u r-rappurtar tal-implimentazzjoni tal-programm. Minkejja kollox, minħabba t-tneħħija gradwali tal-iskema deċiża finalment mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew, xi titjib limitat biss seta' jiġi implimentat skont l-iskema kurrenti f'dan ir-rigward. B'mod partikolari, fil-linji gwida għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet annwali 2012 u 2013, l-Istati Membri ġew mistiedna biex jistrutturaw aħjar il-programmi tagħhom dwar bżonnijiet u għanijiet definiti b'mod ċar.

## 11.

### **Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 7(a) u 7(b)**

Meta jitqies li l-qafas ġuridiku rivedut (R. 121/2012) tal-MDP stipula t-tkomplija tal-iskema biss sat-tlestija tal-pjan ta' distribuzzjoni annwali 2013, il-Kummissjoni ma emendatx regoli ta' implimentazzjoni eżistenti biex jiddikjaraw biċ-ċar l-applikabilità tar-regoli standard tal-UE dwar l-akkwist pubbliku. Madankollu, il-Kummissjoni tfakkar li r-regoli standard tal-akkwist huma applikabbli għall-iskemi kurrenti, anke fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi f'dan ir-rigward.

#### **(1) Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 7(a)**

Minbarra t-tweġiba mogħtija fil-paragrafu 11, il-Kummissjoni tqis li n-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti fir-rapport speċjali tagħha, bħan-nuqqas ta' trasparenza tal-offerti, kompetizzjoni limitata jew riskji li ma jinkisbux l-aqwa kundizzjonijiet jew prezzijiet, huma marbuta mal-interpretazzjoni inkorretta tar-regoli ġenerali għall-offerti minn xi awtoritajiet nazzjonali minflok għall-użu tal-ħażniet ta' intervent.

Il-Kummissjoni se tiċċara aħjar l-applikabilità ta' dawk ir-regoli fir-regoli ta' implimentazzjoni dettaljata li se jkunu stipulati fir-rigward tal-użu tal-ħażniet ta' intervent fil-Fond futur għal Għajnuna Ewropea għall-Aktar Persuni fil-Bżonn.

#### **(2) Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 7(b)**

B'żieda mat-tweġiba mogħtija fil-paragrafu 11, fil-qafas tal-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-Aktar Persuni fil-Bżonn se jitqiesu l-proposti tal-Qorti li jippermettu lill-Istati Membri jagħżlu kif jintużaw il-ħażniet ta' intervent fis-swieq tal-prodotti agrikoli bażiċi u jużaw dan l-introjt biex jixtru l-prodotti finali meħtieġa kull darba meta l-kundizzjonijiet ta' arranġamenti ta' tpartit ma jidhrux li jkunu effiċenti.



# RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

## TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-ANNESS IV: L-AGRIKOLTURA: IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROĊĊ LEADER

### 8.

Il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament -EAFRD 2014-2020 (l-Artikolu 67(2)) huwa bbażat fuq approċċ armonizzat bejn il-Fondi ESI, li fl-istess ħin tkun konformi mar-regoli kurrenti dwar l-għajjnuna mill-Istat.

Fir-rigward tan-nuqqas ta' titjib fil-perjodu kurrenti: Fit-trilogu dwar l-allinjament għat-Trattat ta' Lisbona, l-Istituzzjonijiet ma setgħux jaqblu dwar il-proposta COM2010/537 (ara l-istqarrija tal-Qorti fil-paragrafu 3).

Iż-żewġ proposti jistipulaw li l-appoġġ tal-EAFRD għandu jingħata għall-infiq imġarrab biss wara li tkun intbagħtet lill-awtorità kompetenti.

### 9.

Fir-rigward tal-perjodu li jmiss, gwida fir-rigward tal-proċeduri biex jiġu evitati kunflitti ta' interess tingħata fil-abbozz tad-dokument ta' Gwida dwar CLLD maħruġ mill-erba' DG (imsemmija fit-tweġiba għall-paragrafu 9) fil-Kapitolu 4.3. fil-paġna 26 ("Proċeduri, regoli u strutturi ta' ħidma fis-seħħ għat-teħid ta' deċiżjonijiet għandhom jiggarrantixxu li l-għażla tal-proġetti tkun konsistenti mal-għanijiet tal-istrateġija, magħmula b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju u tevita b'mod partikolari kull riskju ta' kunflitt ta' interess. Rigward dan l-aħħar punt, l-LAGs għandhom jistabbilixxu proċeduri bil-miktub fejn jispjegaw kif biħsiebhom jittrattaw dan ir-riskju (pereżempju dwar il-minuti tal-laqqgħat, astenzjoni mill-vot, dikjarazzjonijiet bil-miktub).")

Fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-interessi, il-Kummissjoni tqis li gwida tkun biżżejjed.

### 10.

Il-Valutazzjoni *Ex-Post* se tikkostitwixxi l-element ewlieni biex tivvaluta l-valur miżjud mil-huq mil-LEADER.

## TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-ANNESS VI: KOEŻJONI: TAĦRIĠ VOKAZZJONALI GĦAN-NISA

### 5.

Il-Kummissjoni tinnotta l-analiżi tal-Qorti. Fil-fatt ir-rakkomandazzjonijiet 1 u 3 huma implimentati f'xi rispetti minħabba li d-dispożizzjonijiet għall-perjodu ta' programmazzjoni futur 2014-2020 għadhom taħt adozzjoni fil-mument ta' dan ir-rapport. Madankollu, permezz tal-proposti tagħha għall-2014-2020, il-Kummissjoni ħadet azzjoni konkreta biex tilħaq kompletament dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Ir-rakkomandazzjonijiet se jkunu implimentati skont il-qafas leġislativ il-ġdid.

Barra minn hekk, filwaqt li l-Kummissjoni ma għandha l-ebda bażi ġuridika biex timponi lill-Istati Membri proċeduri ta' għażla tal-proġett speċifiċi, hija madankollu kuntenta li l-azzjonijiet tagħha ħallew il-frott u wasslu għal titjib f'dan il-qasam. Il-linji gwida l-ġodda għall-perjodu ta' programmazzjoni li għaddej bħalissa jipprovdu tweġiba ċara għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet, bħalma għamli bidliet għall-programmi operattivi inklużi l-allokazzjoni u l-prijorità tagħhom.

# RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

6.

Il-Kummissjoni tilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti. L-Istati Membri fil-fatt se jintalbu jipprovdu analiżi tas-suq tax-xogħol fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. Barra minn hekk, l-Artikolu 87 tal-abbozz tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni se jiddefinixxi approċċ aqwa orjentat lejn ir-riżultati.

7.

Rigward il-bżonn identifikat mill-Qorti biex tissaħħaħ ir-rabta bejn il-proċeduri tal-għażla tal-proġett u analiżi tas-suq tax-xogħol, ta' min jinnota li ma hemm l-ebda bażi ġuridika għall-Kummissjoni biex kumitati ta' monitoraġġ ikunu obbligati jirrevedu l-kriterji għall-għażla wara problemi ġodda identifikati li jkunu ġejjin mill-analiżi (aġġornata) tas-suq tax-xogħol.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-bidla fil-prijoritajiet u l-finanzjament relatat tal-programmi fil-livell superjuri hija għodda iktar rilevanti biex titqies l-evoluzzjoni tas-suq tax-xogħol. Fil-fatt bidliet fil-programmi jittraduċu ruħhom neċessarjament fil-livell tal-għażla tal-proġetti.

Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, u fuq il-bażi ta' sforzi konsiderevoli mill-Kummissjoni, kien hemm bidliet sinifikanti lil ħafna programmi. Dawn il-bidliet jirriflettu l-impatt tal-kriżi soċjoekonomika inkluż fuq is-suq tax-xogħol. Huma jintroduċu r-riprijoritizzazzjoni u r-riallokazzjoni tal-finanzjament, li jwasslu għall-modifiki fit-tip u l-għadd ta' proġetti magħżula fil-post.

8.

Il-Kummissjoni taqbel mal-analiżi tal-Qorti. Sar progress matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 b'rekwiżiti obligatorji ta' rappurtar tad-dejta (Anness XXIII tar-Regolament 1828/2006), ir-Rapporti Strateġiċi tal-Istati Membri dwar il-Fondi ta' Koeżjoni tal-2009 u l-2012 u r-Rapporti ta' Implimentazzjoni Annwali. Barra minn hekk, indikaturi obligatorji se jkunu inklużi fl-abbozz tal-qafas regolatorju għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.

## TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-ANNES VII: AZZJONIJIET ESTERNI: RIABILITAZZJONI

8.

Il-Kummissjoni tqis li huwa diffiċli li jkollok informazzjoni b'hal din lesta u disponibbli għal kuntesti ta' rikostruzzjoni varji u f'pajjiżi differenti b'mudelli soċjoekonomiċi differenti. Informazzjoni dwar l-ispiża tista' tinġabar fuq bażi *ad hoc*, imma ma hemm l-ebda informazzjoni dwar l-ispiża biex l-effiċjenza tkun iddeterminata b'mod affidabbli. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni g'iet segwita sakemm huwa possibbli.

# RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

## TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-ANNESS X: DĦUL: IMMANIĠĠJAR TA' FLUS

### 16.

L-istruzzjonijiet tal-Uffiċjal tal-Kontabilità li jstipulaw regoli għall-ftuħ, il-ġestjoni u l-għeluq ta' kontijiet fiduċjarji qed jiġu finalizzati u huma mistennija jidħlu fis-seħħ fil-bidu tal-2014.

Id-diskussjonijiet finali mal-BEI dwar il-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv ("FAFA") għadhom għaddejjin u huwa mistenni li l-ftehim jiġi ffirmat dalwaqt. Huma se jinkludu linji gwida għall-kont tal-istrument finanzjarju u l-ġestjoni tal-assi.

## TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-ANNESS XI: RIĊERKA: PROGRAMMI QAFAS RTD

### 7.

L-atti ġuridiċi Orizzont 2020 huma konformi mal-approċċ kumplessiv propost mill-Kummissjoni biex jipprovdu loġika ta' intervent espliċitu u għadd limitat ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni.

### 8.

Il-Kummissjoni impenjat ruħha quddiem il-leġislator li tħejji l-approċċ ġenerali għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ għal Orizzont 2020, kif indikat fil-Valutazzjoni tal-Impatt.

Il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjonijiet dwar din il-kwistjoni fl-atti ġuridiċi u l-prinċipji ewlenin stabbiliti fil-Valutazzjoni tal-Impatt għall-istrateġija ta' valutazzjoni Orizzont 2020 huma sostanzjalment allinjati mal-osservazzjonijiet tar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri.

Il-Kummissjoni se tiżviluppa strateġija ta' valutazzjoni komprensiva għall-azzjonijiet kollha ta' Orizzont 2020 skont dawn id-dispożizzjonijiet u l-prinċipji.

### 9.

Il-Kummissjoni qieset twaqqafx uffiċċju konġunt, imma finalment għażlet approċċ differenti għall-FP7 kurrenti.

Madankollu, għalkemm ma hemmx uffiċċju ta' valutazzjoni konġunt, is-sistema fis-seħħ bħalissa — għall-FP7 — tiggarran-tixxi approċċ koerenti dwar il-valutazzjoni li tissodisfa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti.

Il-Kummissjoni bħalissa qed taħdem fuq l-arranġamenti organizzattivi għall-ġestjoni ta' Orizzont 2020.

It-twaqqif ta' unità unika li tittratta d-dejta u r-rappurtar għall-politika ta' riċerka kollha se ssaħħaħ l-approċċ ta' valutazzjoni komuni permezz tal-provvista ta' dejta koerenti u komprensiva dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati ta' Orizzont 2020.



Il-Qorti Ewropea Tal-Awdituri

**Rapport Speċjali Nru 19/2013**

**Rapport 2012 dwar is-segwitu tar-Rapporti Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2014 — 41 pp. — 21 × 29.7 cm

ISBN 978-92-9241-622-5

doi:10.2865/23303



## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

### Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:  
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:  
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea ([http://ec.europa.eu/represent\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/represent_mt.htm)),  
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE ([http://eeas.europa.eu/delegations/index\\_mt.htm](http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm)),  
billi tikkuntattja s-servizz Europe Direct ([http://europa.eu/europedirect/index\\_mt.htm](http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm))  
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (\*).

(\*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

### Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

### Abbonamenti bi ħlas:

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ([http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)).

IS-SEGWITU GĦAR-RAPPORTI TAL-AWDITJAR TAL-PRESTAZZJONI TAL-QORTI HUWA ELEMENT MEĦTIEĠ FIĊ-ĊIKLU TAL-OBBLIGU TA' RENDIKONT U JGĦIN BIEX TITĦEĠĠEĠ L-IMPLIMENTAZZJONI EFFETTIVA MILL-KUMMISSJONI TAR-RAKKOMANDEZZJONIJIET TAR-RAPPORTI. IR-RAPPORT ATTWALI JIPPREŻENTA R-RIŻULTATI TAT-TIENI ANALIŻI MILL-QORTI TAS-SEGWITU MILL-KUMMISSJONI TA' KAMPJUN TA' 62 RAKKOMANDEZZJONI MINN 10 RAPPORTI SPEĊJALI MILL-PERJODU 2006-2010.

ABBAŻI TAL-ANALIŻI TAGĦHA L-QORTI TIKKONKLUDI LI L-KUMMISSJONI SSEGWI R-RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-QORTI B'MOD ADEGWAT. L-ANALIŻI TAL-KAMPJUN WRIET LI L-KUMMISSJONI IMPLIMENTAT 83 % TAR-RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-QORTI, JEW BIS-SĦIĦ JEW INKELLA FIL-PARTI L-KBIRA TAL-ASPETTI, U DAN IKKONTRIBWIXXA LEJN IT-TITJIB TAL-ĠESTJONI FINANZJARJA F'GĦADD TA' OQSMA TAL-BAĠIT TAL-UE.



IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9241-622-5



9 789292 416225